



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 20.9.2011
KUMM(2011) 571 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi

{SEG(2011) 1067 finali}
{SEG(2011) 1068 finali}

WERREJ

1.	L-isfidi u l-opportunitajiet għall-Ewropa	2
2.	Nagħmlu l-Ewropa effiċjenti fl-użu tar-riżorsi	3
3.	Nibdlu l-ekonomija	4
3.1.	Konsum u produzzjoni sostenibbli.....	5
3.2.	Indawru l-iskart f'riżorsa.....	8
3.3.	Nappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni	9
3.4.	Is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u l-wasla għall-prezz it-tajjeb	10
4.	Il-kapital naturali u s-servizzi tal-ekosistemi	12
4.1.	Is-servizzi tal-ekosistemi.....	12
4.2.	Il-bijodiversità	13
4.3.	Il-minerali u l-metalli	14
4.4.	L-ilma	14
4.5.	L-arja	15
4.6.	L-art u l-ħamrija	16
4.7.	Ir-riżorsi tal-baħar	17
5.	Is-setturi ewlenin.....	19
5.1.	Nindirizzaw l-ikel.....	19
5.2.	Intejbu l-bini.....	20
5.3.	Niżguraw mobbiltà li tkun effiċjenti	21
6.	Il-governanza u l-monitoraġġ.....	21
6.1.	Toroq ġodda għall-azzjonijiet marbutin mal-użu effiċjenti tar-riżorsi	21
6.2.	Nappoġġaw l-użu effiċjenti tar-riżorsi fil-livell internazzjonali	24
6.3.	Intejbu l-benefiċċji mill-miżuri tal-UE favur l-ambjent.....	25
7.	Konklużjoni.....	25
Anness: L-użu effiċjenti tar-riżorsi - il-konnessjonijiet reċiproki bejn is-setturi u r-riżorsi u l-inizjattivi tal-politika tal-UE		27

1. L-ISFIDI U L-OPPORTUNITAJIET GĦALL-EWROPA

Għal diversi deċennji l-Ewropa gawdiet minn tkabbir fil-ġid u fil-benesseri, li kien ibbażat fuq użu intensiv tar-riżorsi. Iżda llum qed taffaċċja l-isfida doppja li tistimula t-tkabbir meħtieġ biex jiġu pprovduti l-impjiegi u l-benesseri taċ-ċittadini tagħha, kif ukoll li tiżgura li l-kwalità ta' dan it-tkabbir iwassal għal futur sostenibbli. Biex tilqa' dawn l-isfidi u tbiddilhom f'opportunitajiet, l-ekonomija tagħna se jkollha bżonn bidla fundamentali fi żmien ġenerazzjoni – fis-sistemi tal-enerġija, tal-industrija, tal-agrikultura, tas-sajd u tat-trasport, u fl-imġiba tal-produtturi u tal-konsumaturi. Jekk inħejju għal dik il-bidla fil-ħin dovut, b'mod li jista' jitbassar u li jkun ikkontrollat, inkunu nistgħu nkomplu niżviluppaw aktar il-ġid u l-benesseri tagħna, filwaqt li nnaqqsu l-livelli tal-użu tagħna tar-riżorsi u l-impatt tagħhom.

Tul is-seklu 20, l-użu tal-fjuwils fossili fid-dinja żdied b'fattur ta' 12, waqt li l-estrazzjoni tar-riżorsi materjali żdiedet b'34 darba. Fl-UE, illum il-ġurnata, kull persuna tuża 16-il tunnellata ta' materjal fis-sena. Minn dawn, jinħlew 6 tunnellati, u nofshom jispiċċaw fil-miżbliet. Madankollu, ix-xejriet juru li l-era ta' ħafna riżorsi li ma jiswewx wisq flus intemmet. In-negozji qed iħabbtu wiċċhom ma' spejjeż li qegħdin dejjem jiżdiedu għall-materja prima u għall-minerali essenzjali, u l-iskarsezza ta' dawn ir-riżorsi u l-volatilità tal-prezzijiet tagħhom qed jolqtu ħażin lill-ekonomija. Is-sorsi tal-minerali, tal-metalli u tal-enerġija, kif ukoll l-istokkijiet tal-ħut, tal-injam, tal-ilma, tal-ħamrija għammiela, tal-arja nadifa, tal-bijomassa u tal-bijodiversità, il-koll jinsabu taħt pressjoni u l-istess jgħodd għall-istabbiltà tas-sistema tal-klima. Filwaqt li d-domanda għall-ikel, l-għalf u l-fibra tista' tiżdied b'70 % sal-2050, 60 % mill-ekosistemi ewlenin tad-dinja li jgħinu biex jiġu prodotti dawn ir-riżorsi diġà ġew iddegradati jew qed jintużaw b'mod li mhuwiex sostenibbli. Jekk inkomplu nużaw ir-riżorsi bl-istess mod, b'kolloxx sal-2050 se jkollna bżonn ammont li jkun ikbar minn żewġ pjaneti biex isostnina, u mhux se nilħqu l-aspettattivi ta' ħafna min-nies għal ħajja ta' kwalità aħjar.

Is-sistema ekonomika tagħna għadha tinkuraġġixxi l-użu tar-riżorsi b'mod mhux effiċjenti, billi xi wħud minn dawn ir-riżorsi huma pprezzati f'livell li huwa inqas minn kemm jiswew verament. Il-Kunsill Kummerċjali Dinji għall-Iżvilupp Sostenibbli jistma li, sal-2050, se jkollna bżonn żieda ta' bejn 4 u 10 darbiet fl-użu effiċjenti tar-riżorsi, u se jkun hemm bżonn ta' titjib sinifikanti diġà sal-2020. Minkejja li ċerti negozji dinamiċi għarfu l-benefiċċji ta' użu iktar produttiv tar-riżorsi, ħafna intrapriżi u konsumaturi għadhom ma rrealizzawx il-kobor u l-urġenza tal-bidliet meħtieġa. Il-promozzjoni tal-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħmel ħafna sens f'termini ta' negozju u għandha tgħin il-kompetittività u l-profitabbiltà tan-negozji. Għalhekk, din hija parti integrali tal-aġenda tal-UE għall-kompetittività globali. Tgħin ukoll sabiex tiżgura rkupru sostenibbli mill-kriżi ekonomika u tista' tagħti spinta lill-impjiegi.

Il-bidla se tkun teħtieġ qafas politiku li joħloq kundizzjonijiet ekwi li permezz tagħhom ikunu ppremjati l-innovazzjoni u l-użu effiċjenti tar-riżorsi, joħlqu opportunitajiet ekonomiċi u jiżguraw provvista aħjar permezz tal-iddisinnjar mill-ġdid tal-prodotti, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi ambjentali, aktar użu mill-ġdid, riċiklaġġ u użu ta' ċerti materjali flok oħrajn u ffrankar tar-riżorsi. Id-diżakkoppjament tat-tkabbir mill-użu tar-riżorsi u l-ftuħ ta' dawn is-sorsi ġodda ta' tkabbir, jeħtieġ koerenza u integrazzjoni fil-politiki li jiffurmaw l-ekonomija u l-istili ta' ħajja tagħna. L-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima diġà wittiet it-triq fl-għajnuna lejn id-diżakkoppjar tat-tkabbir mill-użu tal-karbonju.

L-istrateġija “Ewropa 2020” u l-inizjattiva ewlenija tagħha “Ewropa li tuża r-riżorsi b’mod effiċjenti”¹ poġġew lill-UE fit-triq lejn din il-bidla. Din l-inizjattiva talbet li jkun hemm pjan direzzjonali “sabiex jiġu ddefiniti l-għanijiet għall-perjodu medju taż-żmien u fit-tul u l-mezzi meħtieġa biex dawn jintlaħqu”. Dan il-Pjan direzzjonali jissejjes fuq l-inizjattivi l-oħra li jiffurmaw parti mill-inizjattiva ewlenija, b’mod partikolari il-kisbiet ta’ politika lejn ekonomika b’livell baxx tal-karbonju u jikkomplimentahom, u jqis il-progress li sar fl-Istrateġija Tematika tal-2005 għall-Użu Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali² u fl-istrateġija tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Pjan direzzjonali għandu jittqies ukoll fil-kuntest tal-isforzi dinjin sabiex issir il-bidla lejn ekonomija ekoloġika³. Huwa jissejjes ħafna fuq għadd ta’ sorsi, li r-referenza għalihom hija mogħtija fid-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah, fosthom fuq ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar l-istat tal-ambjent Ewropew u l-prospetti tiegħu.

2. NAGĦMLU L-EWROPA EFFIĊJENTI FL-UŻU TAR-RIŻORSI

Infasslu l-pjan direzzjonali

Il-Viżjoni: Sal-2050 l-ekonomija tal-UE se tkun kibret b’mod li jirrispetta l-limiti tar-riżorsi u l-limiti tal-pjaneta, u b’hekk se tkun qed tikkontribwixxi għall-bidla ekonomika dinjija. L-ekonomija tagħna se tkun waħda kompetittiva u inklużiva u se tkun tipprovdi standard għoli ta’ ħajja b’ħafna inqas impatti fuq l-ambjent. Ir-riżorsi kollha se jkunu mmaniġġati b’mod sostenibbli, mill-materja prima sal-enerġija, l-ilma, l-arja, l-art u l-ħamrija. Il-passi ewlenin marbutin mat-tibdil fil-klima se jkunu ntlaħqu, filwaqt li l-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema li jissejsu fuqha se jkunu ġew protetti, vvalutati u rrestawrati b’mod sostanzjali.

Il-mod kif nilħqu din il-viżjoni huwa permezz ta’ żvilupp li juża r-riżorsi b’mod effiċjenti. Dan jippermetti lill-ekonomija toħloq iktar affarijiet b’inqas materjali, tagħti valur akbar b’inqas materja prima, tuża r-riżorsi b’mod sostenibbli u tnaqqas l-impatti tagħhom fuq l-ambjent. Fil-prattika, dan jeżiġi li l-istokkijiet tal-assi ambjentali kollha li minnhom tibbenefika l-UE jew li minnhom iġġib il-provvisti dinjin tagħha, ikunu sikuri u mmaniġġati fil-limiti tal-produzzjoni massima sostenibbli tagħhom. Se jeżiġi wkoll li ma jkun hemm kważi l-ebda skart residwu u li l-ekosistemi jkunu ġew irrestawrati u r-riskji sistemiċi għall-ekonomija mill-ambjent ikunu nftehm u ġew evitati. Se tkun meħtieġa sensiela ġdida ta’ innovazzjonijiet.

Dan il-Pjan direzzjonali jistipula l-miri importanti, li juru x’hemm bżonn biex inkunu fit-triq lejn użu effiċjenti tar-riżorsi u tkabbir sostenibbli. Imbagħad kull taqsima tiddekrivi l-azzjonijiet li huma meħtieġa fuq perjodu taż-żmien qasir sabiex dan il-proċess jinbeda.

Il-Pjan direzzjonali jipprovdi qafas li jispjega kif il-politiki jintrabtu ma’ xulxin u kif jissejsu fuq xulxin, u li fih jistgħu jitfasslu u jiġu implimentati b’mod koerenti l-azzjonijiet fil-ġejjieni. Ir-rabtiet reċiproki bejn is-setturi u r-riżorsi ewlenin u l-inizjattivi tal-politika tal-UE marbutin magħhom, huma deskritti fil-qosor fit-Tabella mogħtija fl-Anness. Se jitħejjew

¹ COM(2011) 21.

² COM(2005) 670.

³ Kif muri, pereżempju, fl-Istrateġija tal-OECD għal tkabbir ekoloġiku u fir-rapport tal-UNEP dwar ekonomija ekoloġika, kif ukoll fix-xogħol tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

valutazzjonijiet tal-impatt għall-azzjonijiet sinifikanti kollha u kull mira potenzjali qabel ma jitressqu proposti dettaljati⁴.

It-twettiq tal-progress u l-kejl tiegħu

Se jkun hemm bżonn ta' indikaturi b'saħħithom u li jinftehm u faċilment biex jipprovdu sinjali u jitkejjel il-progress li jkun qed isir biex intejbu l-użu effiċjenti tar-riżorsi.

Dan il-Pjan direzzjonali jipproponi triq għda għall-azzjonijiet marbutin mal-użu effiċjenti tar-riżorsi, bi proċess li jinkludi l-partijiet interessati kollha, sabiex dawn jiddiskutu u jaqblu dwar l-indikaturi u l-miri sa tmiem l-2013. Dan il-proċess huwa deskritt f'aktar dettall fil-kapitolu 6.

Sabiex jitnieda dan il-proċess, huma fformulati b'mod provviżorju⁵ żewġ livelli ta' indikaturi:

- (1) indikatur ewlieni provviżorju, imsejjaħ "il-Produttività tar-Riżorsi", li għandu jkejjel l-għan prinċipali ta' dan il-pjan direzzjonali, jiġifieri li tittejjeb il-prestazzjoni ekonomika filwaqt li titnaqqas il-priżi fuq ir-riżorsi naturali;
- (2) għadd ta' indikaturi kumplementari marbutin ma' riżorsi naturali ewlenin bħall-ilma, l-art, il-materjali u l-karbonju, li se jkunu l-konsum globali ta' dawn ir-riżorsi min-naħa tal-UE.

Negħlbu l-ostakli

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ifittxu li jneħħu l-ostakli li qed iżommu lura l-użu b'mod effiċjenti tar-riżorsi u b'hekk joħolqu s-sett it-tajjeb ta' inċentivi għal deċiżjonijiet tajbin marbutin mal-produzzjoni u l-konsum. Dan se jkun jeħtieġ:

- li jiġu indirizzati s-swieq u l-prezzijiet, it-taxxi u s-sussidji li ma jirriflettux il-kosti reali tal-użu tar-riżorsi u li jżommu lill-ekonomija fi triq li mhijiex sostenibbli;
- li jiġu nkuraggiati l-innovazzjoni u l-innovattivi u iktar fit-tul fl-oqsma tan-negozju, tal-finanzi u tal-politika li jwasslu biex jiġu adottati prattiki ġodda sostenibbli u li jstimulaw żviluppi fl-innovazzjoni u jiżviluppaw regolazzjoni li hija kosteffiċjenti u li taħseb għall-futur;
- li titwettagħ riċerka sabiex nimlew in-nuqqasijiet fl-għarfien u fil-ħiliet tagħna u nipprovd u l-għarfien u t-taħriġ it-tajjeb;
- li jiġi ttrattat it-tħassib dwar il-kompetittività internazzjonali u li jitfittex li jintlaħaq konsens mal-imsieħba internazzjonali sabiex kulħadd jimxi f'direzzjoni waħda.


3. NIBDLU L-EKONOMIJA

Jekk inpoġġu l-ekonomija fit-triq li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, dan se jwassal għal iktar kompetittività u għal sorsi ġodda ta' tkabbir u tal-impjiegi permezz tal-iffrankar tal-kosti minħabba aktar effiċjenza, il-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet u minħabba użu aħjar tar-riżorsi tul iċ-ċiklu kollu ta' haġġithom. Dan jeħtieġ politiki li jagħrfu d-dipendenza reċiproka bejn l-ekonomija, il-benessri u l-kapital naturali u li jfittxu li jneħħu l-ostakli għall-

⁴ http://ec.europa.eu/governance/impact/index_en.htm

⁵ Kif stipulati f'COM(2011) 571 ta' akkumpanjament.

użu b’mod iktar effiċjenti tar-riżorsi, filwaqt li jipprovdu bażi ġusta, koerenti, flessibbli u li tista’ titbassar sabiex in-negozji jkunu jistgħu jaħdmu.



Sors: l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

3.1. Konsum u produzzjoni sostenibbli

3.1.1. Integru l-prodotti u nibdlu x-xejriet tal-konsum

Il-bidla fix-xejriet tal-konsum tax-xerrejja privati u pubbliċi se tgħin biex ir-riżorsi jibdwu jintużaw b’mod effiċjenti u ħafna drabi tista’ tiġġenera ffrankar dirett nett tal-ispejjeż. Imbagħad tista’ tgħin ukoll biex tiżdied id-domanda għal servizzi u prodotti li jużaw ir-riżorsi b’mod iktar effiċjenti. Hemm bżonn ta’ tagħrif preċiż, ibbażat fuq l-impatti tal-użu tar-riżorsi tul iċ-ċiklu ta’ ħajja tagħhom u fuq il-kosti għall-użu tar-riżorsi, sabiex tingħata gwida għad-deċiżjonijiet dwar il-konsum. Il-konsumaturi jistgħu jiffrankaw l-ispejjeż billi huma stess jevitaw milli jarmu l-affarijiet, u billi jixtru prodotti li jdumu tajbin ħafna jew li jistgħu jissewwew jew jiġu rriċiklati faċilment. Mudelli ġodda tan-negozju, li fihom il-prodotti jinkrew minflok ma jinxtraw, jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet tal-konsumaturi b’inqas użu tar-riżorsi matul iċ-ċiklu ta’ ħajja tagħhom.

Is-suq intern u l-istrumenti bbażati fuq is-suq għandhom rwol importanti fl-istabbiliment tal-qafas għas-swieq biex dawn jippremjaw prodotti li jkunu iktar ekoloġiċi. Approċċ li juża miżuri kemm volontarji kif ukoll obbligatorji – bħal dak mogħti fl-inizjattivi tal-UE marbutin mas-swieq ewlenin u fid-Direttiva tal-UE dwar l-Ekodisinn – għandhom jitqiesu għal firxa usa’ ta’ prodotti u servizzi u għandhom jinkludu iktar kriterji li huma ta’ rilevanza għar-riżorsi.

Madankollu, ntwera li, f’ċerti każijiet, l-iffirankar tal-kosti li jsiru għat-titjib tal-effiċjenza ta’ teknoloġija, jistgħu jwasslu lin-nies biex jikkunsmaw iktar. Dan il-fenomen, li huwa magħruf bħala “l-effett ta’ konsegwenza”, għandu jkun antiċipat u għandu jitqies meta tiġi żviluppata l-politika u jiġu stabbiliti l-miri.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, iċ-ċittadini u l-awtoritajiet pubbliċi se jkollhom l-inċentivi t-tajbin biex jagħżlu l-prodotti u s-servizzi li jużaw ir-riżorsi bl-iktar mod effiċjenti, permezz ta' sinjali xierqa mill-prezzijiet u tagħrif ambjentali ċar. L-għażliet tax-xiri tagħhom se jqanqlu lill-kumpaniji biex ikunu innovattivi u biex jipprovdu prodotti u servizzi li jkunu jużaw ir-riżorsi b'mod iktar effiċjenti. Se jkunu stabbiliti standards minimi marbutin mal-prestazzjoni ambjentali sabiex jitneħħew mis-suq il-prodotti li jniġġsu l-aktar u li jużaw ir-riżorsi bl-inqas mod effiċjenti. Se jkun hemm domanda għolja tal-konsumaturi għal prodotti u servizzi li jkunu iktar sostenibbli.

3.1.2. Nixprunaw il-produzzjoni effiċjenti

L-Ewropa għandha l-ogħla rata ta' importazzjonijiet netti ta' riżorsi għal kull persuna u l-ekonomija miftuħa tagħha tiddependi ħafna fuq il-materja prima impurtata u fuq l-enerġija impurtata. L-aċċess sikur għar-riżorsi sar kwistjoni ekonomika dejjem aktar strateġika, filwaqt li l-impatti soċjali u ambjentali negattivi li jista' jkun hemm f'pajjiżi terzi saru kwistjoni oħra ta' tħassib. Fl-2007, fl-ekonomija tal-UE l-ammont totali tal-materjal li ntuża direttament kien jammonta għal aktar minn 8 biljun tunnellata. Nistgħu nnaqqsu dan l-ammont filwaqt li nżidu l-produzzjoni u l-kompetittività⁶. Barra minn hekk, jekk intejbu l-użu mill-ġdid tal-materja prima permezz ta' iktar simbożi industrijali (fejn l-iskart ta' ċerti impriżi jintuża bħala riżorsa għal impriżi oħrajn), fl-UE jistgħu jiġu ffrankati EUR 1.4 biljun fis-sena u jista' jinholq bejgħ li jammonta għal EUR 1.6 biljun⁷.

Għalkemm ħafna impriżi diġà hađu azzjoni sabiex jibdew jużaw ir-riżorsi b'mod iktar effiċjenti, għad fadal lok għal ħafna titjib. Dan japplika l-iktar għal oqsma tan-negozju li mhumix dawk ewlenin, pereżempju f'każijiet fejn l-użu effiċjenti tal-enerġija jew tal-ilma mhumix daqshekk importanti għall-attività tal-impriża. Ħafna jonqsu milli jaħlu inqas fuq l-użu tar-riżorsi fit-tul minħabba perspettiva fuq medda taż-żmien qasir li hija inkuraġġita mill-prattiki attwali tar-rappurtar dwar il-kumpaniji. L-impriżi li diġà qed jinvestu fl-użu effiċjenti tar-riżorsi għandhom bżonn jibbenefikaw mill-iżviluppi fl-għarfien u fl-innovazzjoni.

L-iskambju tal-informazzjoni dwar il-modi kif wieħed jista' jasal għal użu iktar effiċjenti tar-riżorsi bejn l-imsieħba fil-ktajjen tal-valur u bejn settur u ieħor, inklużi l-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, jista' jevita l-iskart, jixpruna l-innovazzjoni u johlq swieq ġodda.

Li wieħed jevita, kull fejn ikun possibbli, l-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi u jippromwovi kimika ekoloġika, jista' jgħin biex jiġu protetti riżorsi ewlenin bħall-ħamrija u l-ilma u jagħmel lil riżorsi oħrajn, bħall-materjali, riżorsi li jistgħu jiġu rriċiklati jew użati mill-ġdid b'mod iktar sikur u eħfef u b'inqas spejjeż. L-approċċ għall-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi promoss permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), se jgħin biex jiġu identifikati l-opportunitajiet li hemm fil-bidla ta' sustanzi kimiċi perikolużi b'sustanzi alternattivi li huma iktar sikuri u li huma vijabbli teknoloġikament u ekonomikament.

⁶ Studju partikulari jissuġġerixxi li, fil-Ġermanja biss, użu iktar effiċjenti tar-riżorsi fil-manifattura jista' jwassal għal iffrankar ta' bejn 20 % u 30 % fl-ispejjeż u johlq sa miljun impjieg fil-pajjiż. Studju riċenti ieħor juri li fir-Renju Unit, in-negozji jistgħu jiffrankaw ammont li hu stmat li hu ta' GBP 23 biljun meta jimplimentaw miżuri favur użu iktar effiċjenti tar-riżorsi li ma jiswew xejn jew li jiswew ftit ħafna.

⁷ Għal aktar dettalji ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, se jkunu fis-seħħ inċentivi tas-suq u tal-politika li jippremjaw l-investimenti tan-negozji favur l-effiċjenza. Dawn l-inċentivi stimulaw innovazzjonijiet ġodda f'metodi tal-produzzjoni li jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti li jkunu qed jintużaw b'mod wiesa'. Il-kumpaniji kollha u daww li jinvestu fihom se jkunu jistgħu jkejlu l-effiċjenza tagħhom fl-użu tar-riżorsi tul iċ-ċiklu ta' ħajja tar-riżorsi u jqabbluhom mal-livelli ta' referenza. It-tkabbir ekonomiku u l-benessri se jkunu diżakkoppjati mir-riżorsi mdaħħlin fil-prodotti u primarjament jirriżultaw miż-żidiet fil-valur tal-prodotti u tas-servizzi marbutin magħhom.

Sabiex tippromwovi iktar konsum u produzzjoni sostenibbli, il-Kummissjoni:

- se ssaħħaħ ir-rekwiżiti dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (l-APE) għall-prodotti li għandhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent; se tivvaluta jekk l-APE jistax jintrabat ma' proġetti ffinanzjati mill-UE; u se tippromwovi l-akkwist konġunt u n-netwerks tal-uffiċjali tal-akkwist pubbliku sabiex jiġi appoġġat l-APE (fl-2012);
- se tistabbilixxi approċċ metodoloġiku komuni sabiex l-Istati Membri u s-settur privat ikunu jistgħu jivvalutaw, juru u jqabblu mal-livelli ta' referenza l-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti, tas-servizzi u tal-kumpaniji, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatti ambjentali tul iċ-ċiklu ta' ħajja ("l-impronta ambjentali") (fl-2012);
- se tindirizza l-impronta ambjentali tal-prodotti, billi tibni fuq validazzjoni li għaddejjja bħalissa u li għandha titlesta fl-2012 u wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati, fosthom billi tistabbilixxi rekwiżiti skont id-Direttiva dwar l-ekodisinn, sabiex ikun xprunat l-użu effiċjenti tar-riżorsi materjali tal-prodotti (pereżempju kemm ikunu jistgħu jintużaw mill-ġdid jew jiġu rkuprati jew irriċiklati, il-kontenut irriċiklat u kemm ikunu jifilħu jintużaw) u billi jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-ekodisinn għal prodotti li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-enerġija (fl-2012);
- se tiżgura li jkun hemm fehim aħjar tal-imġiba tal-konsumaturi u se tagħti tagħrif aħjar dwar l-impronta ambjentali tal-prodotti, fosthom billi tipprevjeni l-użu ta' talbiet li jqarrqu bil-konsumatur u billi tinfirsa l-iskemi tat-tikkettar ekoloġiku (fl-2012);
- se tappoġġa l-użu tan-netwerks u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-aġenziji li jkunu qed imexxu skemi għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi (fuq bażi kontinwa).

Mill-2012 'il quddiem, il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri għandhom jivvalutaw:

- l-għażliet biex jiżdiedu l-inċentivi tas-suq għall-prodotti li jkunu ġenwinament favur l-ambjent;
- il-miżuri biex ir-responsabbiltà tal-produttur titwessa' għaċ-ċiklu kollu ta' ħajja tal-prodotti li jkun jagħmel (fosthom permezz ta' mudelli ġodda tan-negozju, permezz ta' gwida dwar l-iskemi ta' teħid lura u riċiklaġġ u l-appoġġ għas-servizzi ta' tiswija);
- l-azzjonijiet li jtejbju kemm jista' jkun l-użu effiċjenti tar-riżorsi fil-fażi tal-ippakkjar.

L-Istati Membri għandhom:

- idaħħlu fis-seħħ inċentivi li jstimolaw il-bieċa l-kbira tal-kumpaniji biex ikejlu l-effiċjenza tagħhom fl-użu tar-riżorsi, iqabbluha mal-livelli ta' referenza u jtejbjuha b'mod sistematiku (fuq bażi kontinwa);
- jgħinu lill-kumpaniji jaħdmu flimkien sabiex l-iskart u l-prodotti sekondarji li jipproduċu jibdwu jintużaw bl-aħjar mod (pereżempju billi jisfruttaw is-simbjożi industrijali) (fuq bażi kontinwa);

- jiżguraw li l-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju jingħataw pariri u appoġġ sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw u jtejbu l-effiċjenza tagħhom fl-użu tar-riżorsi u l-użu sostenibbli tal-materja prima (fuq bażi kontinwa);
- jaħdmu flimkien mal-Kummissjoni biex jiżguraw li, sal-2020, is-Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna kollha rilevanti jitpoġġew fuq il-Lista tal-Kandidati tad-Direttiva dwar ir-REACH (fuq bażi kontinwa).

3.2. Indawru l-iskart f'riżorsa

Kull sena, fl-Unjoni Ewropea narmu 2.7 biljun tunnellata ta' skart. Minn dan, 98 miljun tunnellata huma skart perikoluż. Bħala medja, 40 % biss mill-iskart solidu tagħna jintuża mill-ġdid jew jiġi rriċiklat, il-bqija jintefa' kollu fil-miżbliet jew jinħaraq. B'mod ġenerali, fl-UE l-ġenerazzjoni tal-iskart qiegħda f'livell stabbli, iżda f'ċerti flussi tal-iskart, bħal dak mill-konstruzzjoni u mit-twaqqiġ tal-bini, il-ħama tad-dranaġġ u l-iskart tal-baħar, għadna qed noħolqu dejjem iżjed skart. L-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku biss huwa mistenni jiżdied b'madwar 11 % bejn l-2008 u l-2014.

F'ċerti Stati Membri iktar minn 80 % tal-iskart huwa rriċiklat. Dan juri l-possibbiltà li l-iskart jintuża bħala wieħed mir-riżorsi ewlenin tal-UE. Il-fatt li wieħed itejjeb il-ġestjoni tal-iskart ifisser li jkun hemm użu aħjar tar-riżorsi u jista' jiftaħ swieq ġodda u joħloq impjiegi ġodda, kif ukoll jinkuraġġixxi inqas dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-materja prima u inqas impatti fuq l-ambjent.

Jekk irridu nagħmlu l-iskart riżorsa li tista' terġa' tintuża fl-ekonomija bħala materja prima, allura rridu nagħtu ħafna iktar priyorità lill-użu mill-ġdid u lir-riċiklaġġ. Diversi politiki flimkien se jgħinu biex joħolqu ekonomija li tirriċikla kollox, bħad-disinn tal-prodotti li jintegra approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja, kooperazzjoni aħjar mill-partijiet interessati kollha tas-suq fil-katina tal-valur, proċessi aħjar tal-ġbir, qafas regolatorju xieraq, incenċivi għall-prevenzjoni tal-iskart u għar-riċiklaġġ tiegħu, kif ukoll investimenti pubbliċi f'faċilitajiet moderni għat-trattament tal-iskart u għar-riċiklaġġ ta' kwalità għolja.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, l-iskart se jiġi mmaniġġat bħala riżorsa. L-iskart li kull individwu jiġġenera qed jonqos b'mod assolut. Ir-riċiklaġġ u l-użu huma għażliet ekonomikament attraenti għall-partijiet interessati mis-settur pubbliku u mis-settur privat minħabba l-ġbir separat li jsir kullimkien u l-iżvilupp ta' swieq funzjonali għall-materja prima sekondarja. Iktar materjali, fosthom materjali li għandhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent u l-materja prima kruċjali, se jkunu qed jiġu rriċiklati. Il-liġijiet dwar l-iskart se jkunu implimentati bis-sħiħ. It-trasport illegali tal-iskart se jkun inqered għal kollox. L-irkupru tal-enerġija se jkun limitat għall-materjali li ma jistgħux jiġu rriċiklati, ir-rimi fil-miżbliet se jkun spjiċċa kważi għal kollox u se jkun żgurat riċiklaġġ ta' kwalità għolja.

Il-Kummissjoni:

- se tistimula s-suq tal-materjali sekondarji u d-domanda għall-materjali rriċiklati permezz ta' incenċivi ekonomiċi u billi tiżviluppa kriterji ta' tmiem l-iskart (fl-2013/l-2014);
- se tirrevedi l-miri li diġà jeżistu għall-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru u t-tneħħija tar-rimi fil-miżbliet, sabiex nimxu lejn ekonomija msejsa fuq l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, li ma jkollha kważi l-ebda skart residwu (fl-2014);

- se tivvaluta l-introduzzjoni ta' rati minimi għall-materjal irriċiklat u ta' kriterji dwar kemm il-materjali jkunu jifilħu jintużaw u kemm jistgħu jergħu jintużaw u t-twessigħ tar-responsabbiltà tal-produttur għall-prodotti ewlenin (fl-2012);
- se tivvaluta l-oqsma li fihom il-liġijiet dwar id-diversi flussi tal-iskart ikunu jistgħu jiġu allinjati sabiex tiżdied il-koerenza (fl-2013/l-2014);
- se tkompli taħdem, fl-UE u mal-imsieħba internazzjonali, sabiex jinqered għal kollox it-trasport illegali tal-iskart, b'attenzjoni speċjali tingħata lill-iskart perikoluż;
- se tiżgura li l-fondi pubbliċi mill-baġit tal-UE jagħtu prijorità lil attivitajiet li qegħdin iktar 'il fuq fil-ġerarkija tal-iskart kif iddefinita fid-Direttiva ta' qafas dwar l-iskart (pereżempju billi tingħata prijorità lill-impjanti tar-riċiklaġġ minflok lir-rimi tal-iskart) (fl-2012/l-2013);
- se tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki għall-ġbir u t-trattament tal-iskart fost l-Istati Membri u se tiżviluppa miżuri sabiex jiġi miġġieled b'mod iktar effettiv il-ksur tar-regoli tal-UE dwar l-iskart (fl-2013/l-2014).

L-Istati Membri għandhom:

- jiżguraw li l-*acquis* tal-UE dwar l-iskart, fosthom il-miri minimi, jkun implimentat għal kollox permezz tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-iskart (fuq bażi kontinwa).

3.3. Nappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni

Il-bidla għal ekonomija ekoloġika b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju se tkun teħtieġ innovazzjoni sinifikanti, minn bidliet żgħar imsejsa fuq xulxin għal żviluppi teknoloġiċi ewlenin.

Fl-istess ħin għandna bżonn ta' bażi tal-għarfien iktar komprensiva u iktar kredibbli dwar kif is-sistemi naturali jirreaġixxu għall-pressjonijiet differenti li aħna nitfgħuhom taħthom. Ir-riċerka bażika u dik applikata għandha tidentifika l-isfidi u tmexxi l-azzjonijiet, fosthom ir-riċerka magħmula fil-kuntest tax-xjenzi soċjali sabiex jiġi żviluppat il-fehim tagħna tal-imġiba.

Sabiex tingħata din l-ispinta lir-riċerka u lill-innovazzjoni, jeħtieġ li jkun implimentat is-sett it-tajjeb ta' inċentivi sabiex is-settur privat ikun jista' jinvesti aktar f'riċerka u innovazzjoni li jkunu jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti. Il-miżuri marbutin mad-domanda se jgħinu biex joħolqu l-inċentivi għall-innovazzjoni ekoloġika billi jibnu s-swieq għaliha. Hemm bżonn ta' kundizzjonijiet ċari ta' qafas sabiex tiżdied iċ-ċertezza tal-investituri u biex il-kumpaniji li jkunu qed jinvestu f'affarijiet ekoloġiċi li huma meqjusa bħala iktar riskjużi jew li l-qliġ minnhom ikun se jidm iktar ma jittieħed ikollhom aċċess aħjar għall-finanzi.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, l-iżviluppi xjentifiċi u l-isforzi kontinwi tal-innovazzjoni se jkunu tejbu drammatikament il-mod kif nifhmu, nimmaniġġaw, innaqqsu l-użu, nużaw mill-ġdid, nirriċiklaw, nibdlu u nħarsu u nivvalutaw ir-riżorsi. Dan se jkun sar possibbli permezz ta' żidiet sostanzjali fl-investimenti, permezz tal-koerenza hija u tiġi indirizzata l-isfida tas-soċjetà marbuta mal-użu effiċjenti tar-riżorsi, mat-tibdil fil-klima u mar-reżistenza, u permezz ta' qligħ li jkun geġ mill-ispeċjalizzazzjoni u mill-koooperazzjoni intelliġenti fi ħdan iż-żona Ewropea tar-riċerka.

Flimkien mal-Kummissjoni, l-Istati Membri:

- se jistabbilixxu qafas xieraq u sett ta' inċentivi biex tingħata spinta lill-investment tas-settur privat fir-riċerka u l-innovazzjoni favur użu effiċjenti tar-riżorsi (fuq bażi kontinwa).

Il-Kummissjoni:

- se tiżviluppa “Sħubijiet għall-Innovazzjoni” sabiex tilħaq il-miri għall-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, pereżempju għall-ilma, il-materja prima u l-agrikultura produttiva u sostenibbli (mill-2011 'il quddiem);
- se tiżviluppa inizjattivi teknoloġiċi konġunti jew tipi oħra ta' sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll inizjattivi għall-iprogrammar konġunt li jiġbru flimkien l-isforzi nazzjonali tar-riċerka fl-oqsma tal-użu effiċjenti tar-riżorsi (fuq bażi kontinwa);
- se tindirizza l-ostakli għall-innovazzjoni ekoloġika (fl-2011);
- se tiffoka l-fondi tar-riċerka tal-Unjoni (l-Orizzonti tal-UE għall-2020) dwar l-għanijiet ewlenin tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, billi tappoġġa soluzzjonijiet innovattivi għal: enerġija, trasport u bini sostenibbli; ġestjoni tar-riżorsi naturali; preservazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi u tal-bijodiversità; agrikultura aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u bijoekonomija usa'; estrazzjoni tal-materjali b'mod ekoloġiku; riċiklaġġ, użu mill-ġdid, sostituzzjoni tal-impatt ambjentali jew tal-materjali skarsi, prodotti tal-plastik b'disinn aktar intelliġenti, kimika ekoloġika u b'inqas impatt u li jkunu bijodegradabbli

L-Istati Membri għandhom:

- jiffukaw il-fondi tar-riċerka pubblika fuq l-għanijiet ewlenin tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi (fuq bażi kontinwa).

3.4. Is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u l-wasla għall-prezz it-tajjeb

Il-prezzijiet tas-suq huma l-ħaġa li tiggwida, b'mod ewleni, l-għażliet tax-xiri u d-deċiżjonijiet dwar l-investment, iżda dawn mhux bil-fors ikunu jirriflettu l-ispejjeż reali tal-użu tar-riżorsi u l-impatti ambjentali tagħhom. Barra minn hekk, jista' jkun li l-gvernijiet jgħawġu apposta l-prezzijiet permezz tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, li jagħtu vantaġġ lil ċerti konsumaturi, utenti jew produtturi, sabiex jiġi ssupplimentat id-dħul tagħhom jew jonqsulhom l-ispejjeż imma li, huma u jagħmlu dan, jiddiskriminaw kontra prattiki ambjentali tajbin⁸.

3.4.1. It-tneħħija gradwali tas-sussidji li mhumix effiċjenti

Is-sussidji li jista' jkollhom impatti negattivi fuq l-ambjent, b'mod partikulari fl-oqsma tal-fjuwils fossili, tat-trasport u tal-ilma, huma stmati li jiswew għadd globali totali ta' USD 1 triljun fis-sena. Is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent iwasslu għal livelli ogħla ta' skart, ta' emissjonijiet u ta' estrazzjoni tar-riżorsi jew iwasslu għal impatti negattivi fuq il-bijodiversità. Huma jistgħu jżommu fis-seħħ prattiki li mhumix effiċjenti u ma jippermettux lin-negozji jinvestu f'teknoloġiji ekoloġiċi. It-tali sussidji jistgħu jkunu ta' tipi differenti. Eżempji tagħhom huma t-tnaqqis fit-taxxa u l-eżenzjonijiet mit-taxxa.

Li wieħed jimxi lil hinn mis-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent jista' jwassal għal benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali u jippermetti li jkun hemm aktar kompetittività. Fl-Istħarriġ

⁸ OECD, Sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent: l-isfidi għar-riforma, 2005

Annwali dwar it-Tkabbir tal-2011⁹, l-Istati Membri diġà ġew mistiedna jeliminaw is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent sabiex jappoġġaw il-konsolidament tal-baġit. Fil-proċess tat-tneħħija tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, jista' jkun hemm bżonn ta' arranġamenti oħrajn li jtaffu l-effetti tal-proċess għas-setturi ekonomiċi, ir-reġjuni u l-ħaddiema l-iktar affettwati, jew biex tiġi ttrattata l-povertà tal-enerġija, kif ukoll għandu jitqies l-impatt tal-ispustament possibbli tal-produzzjoni lejn pajjiżi oħrajn.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent se jkunu tneħħew gradwalment filwaqt li jitqies kif xieraq l-impatt fuq in-nies fil-bżonn.

3.4.2. Il-wasla għall-prezz it-tajjeb u l-bidla fid-direzzjoni tal-piż tat-taxxa

Is-suq diġà qed jindika l-iskarsezza ta' ċerti riżorsi permezz ta' prezzijiet dejjem jogħlew tal-prodotti bażiċi u n-negozji qed iħabbtu wiċċhom dejjem aktar mal-bżonn urġenti li jadattaw ruħhom sabiex iżommu ruħhom kompetittivi, l-iktar fil-kuntest internazzjonali. Madankollu, jista' jkun li l-kost tal-aspetti esterni jibqa' ma jiġix indirizzat u li għal għadd ta' riżorsi, it-tali sinjali jaslu tard wisq biex inkunu nistgħu nevitaw l-isfruttament mhux sostenibbli tagħhom. L-inċidenza ġenerali tat-tassazzjoni ħafna drabi jkollha impatt fuq il-prezzijiet b'mod li tiffavorixxi l-użu tar-riżorsi minflok ma żżid l-impjieg fl-ekonomija.

L-istrumenti bbażati fuq is-suq għandhom rwol importanti fil-korrezzjoni tan-nuqqasijiet tas-suq, pereżempju billi jintroduċu taxxi ambjentali, miżati, skemi ta' permessi li jistgħu jiġu nnegozjati, inċentivi fiskali favur konsum li jkun aktar favur l-ambjent u strumenti oħrajn. Il-politiki l-ġodda għandhom jgħinu biex ikunu allinjati l-prezzijiet tar-riżorsi li ma jkunux ingħataw il-valur ix-xieraq tagħhom fis-suq, bħall-ilma, l-arja nadifa, l-ekosistemi, il-bijodiversità u r-riżorsi tal-baħar. Jista' jkun hemm bżonn li dawn ikunu jiffurmaw parti minn approċċ usa' li jinvolvi r-regolazzjoni, pereżempju f'każijiet fejn ir-riżorsi jkunu oġġetti ta' wirt komuni.

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2011¹⁰ u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2011¹¹ diġà qed jenfasizzaw il-fatt li t-tassazzjoni trid tinbidel biex flok tibqa' ffukata fuq ix-xogħol tibda tixpruna t-tkabbir ekonomiku u lill-impjieg. F'dan il-kuntest għandhom rwol importanti "ir-riformi ekoloġiċi tat-taxxa", li jikkonsistu fil-fatt li wieħed iżid is-sehem tat-taxxi ambjentali, filwaqt li jnaqqas dak ta' oħrajn. It-tassazzjoni ambjentali tista' tallinja wkoll l-isforzi favur il-konsolidament fiskali mal-iffaċilitar tar-ristrutturar sabiex naslu għal ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti. Madankollu, mill-1999 lil hawn, b'mod ġenerali, is-sehem medju tat-tassazzjoni ambjentali mid-dħul totali mit-taxxa fl-UE kien qed jonqos, u fl-2009 dan laħaq livell ta' 6.3 %¹².

Xi Stati Membri kisbu, permezz ta' passi varji ta' riformi fit-taxxa ambjentali, sehem ta' aktar minn 10 % f'taxxi totali mid-dħul mit-taxxa ambjentali, filwaqt li fl-istess ħin żammew id-dħul fiskali u tejbu l-kompettività u l-effiċjenza enerġetika. Dan juri li huwa possibbli li t-tassazzjoni tkun aktar fuq attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent fi ħdan qafas ekonomiku sod. Madankollu, biex tkun il-bidla fis-sinjali tal-prezzijiet meħtieġa għall-inkoraġġiment ta' iktar investiment fl-użu effiċjenti tar-riżorsi tkun imkejla b'mod aktar effiċjenti, jista' jkun hemm

⁹ COM(2011) 11 finali.

¹⁰ COM(2011) 11 finali.

¹¹ EUCO 10/1/11 REV1.

¹² Ara r-rapport tal-Unjoni Ewropea maħruġ fl-2011 intitolat "Ix-xejriet tat-tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea".

il-ħtieġa ta' indikatur addizzjonali, bar-rata effettiva tat-taxxa fuq it-tniġġis ambjentali jew l-użu tar-riżorsi.

Il-pass ewlieni: Sal-2020 bidla kbira fit-tassazzjoni li għandha tintaxxa inqas ix-xogħol u timxi lejn tip ta' tassazzjoni ambjentali, inkluż permezz ta' aġġustamenti regolari f'rati reali, se twassal għal żieda sostanzjali fis-sehem tat-taxxi ambjentali fid-dħul pubbliku skont l-aqwa prassi tal-Istati Membri.

Sabiex tindirizza l-kwistjonijiet tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u ta' sinjali aħjar mill-prezzijiet, il-Kummissjoni:

- se timmonitorja, permezz tas-Semestru Ewropew, l-azzjonijiet ta' segwitu tal-Istati Membri għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi skont il-pajjiż dwar riforma fiskali li tiffavorixxi l-bidla mit-taxxi fuq ix-xogħol għat-taxxi fuq l-impatti ambjentali u t-tneħħija gradwali tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent mill-2012 'il quddiem;
- se tippromwovi l-iskambju regolari tal-aħjar prattiki u r-reviżjonijiet bejn il-pari dwar ir-riforma tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u dwar l-istrumenti bbażati fuq is-suq bejn l-Istati Membri, b'mod partikulari fil-kuntest tal-Forum dwar l-istrumenti bbażati fuq is-suq u tal-Grupp tal-Politika tat-Tassazzjoni (fuq bażi kontinwa);
- se tivvaluta kif għet implimentata l-għajnuna mill-istat għal miżuri mmirati lejn iż-żieda tal-użu effiċjenti tar-riżorsi u sa fejn l-għanijiet tal-użu effiċjenti tar-riżorsi għandhom ikunu msaħħa fir-reviżjonijiet tal-linji gwida rilevanti dwar l-għajnuna mill-istat mill-2013;
- se tkompli taħdem biex ittejjeb l-indikaturi dwar l-użu tat-taxxi fuq it-tniġġis u fuq ir-riżorsi.

L-Istati Membri għandhom:

- jidentifikaw is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent li huma l-iktar importanti skont metodi stabbiliti (sal-2012);
- iħejju pjanijiet u skedi taż-żmien sabiex ineħħu gradwalment is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u jirrappurtaw dwarhom fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom (sal-2012/l-2013);
- jibdlu t-tassazzjoni minn waħda ffukata fuq ix-xogħol għal waħda ffukata fuq l-impatti ambjentali, (fuq bażi kontinwa);
- jirrevedu l-politiki u l-istrumenti fiskali tagħhom bil-għan li jiġi appoġġat, b'mod iktar effettiv, l-użu effiċjenti tar-riżorsi u, f'dan il-kuntest, jaħsbu dwar inċentivi li jappoġġaw l-għażliet tal-konsumaturi u l-azzjonijiet tal-produtturi li jkunu favur l-użu effiċjenti tar-riżorsi (sal-2013).

4. IL-KAPITAL NATURALI U S-SERVIZZI TAL-EKOSISTEMI

4.1. Is-servizzi tal-ekosistemi

Il-prospertà ekonomika u l-benessri tagħna jiddependu fuq il-kapital naturali tagħna, fosthom l-ekosistemi li jagħtuna sensiela ta' prodotti u servizzi essenzjali – mill-ħamrija għammiela sal-artijiet u l-ibħra produttivi, mill-ilma ħelu u l-arja nadifa sad-dakkir, il-kontroll tal-għargħar u r-regolazzjoni tal-klima. Ħafna minn dawn is-servizzi tal-ekosistemi jintużaw kważi bħallikieku l-provvista tagħhom mhijiex limitata. Huma jiġu ttrattati bħala prodotti li huma "b'xejn", il-valur ekonomiku tagħhom mhuwiex meqjus sewwa fis-suq u għalhekk qed

ikomplu jiġu eżawriti jew jitniġġsu iktar. Dan qed jhedded is-sostenibbiltà fit-tul u r-reżistenza tagħna għax-xokkijiet ambjentali.

F'dawn l-aħħar 50 sena, 60 % mis-servizzi tal-ekosistemi tad-dinja ġew iddegradati . Fl-UE, 88 % mill-istokkijiet tal-ħut ġew mistada ferm iktar mil-limiti tal-produzzjoni massima sostenibbli tagħhom u 11 % biss mill-ekosistemi protetti jinsabu fi stat favorevoli.

L-iżgurar ta' provvista fit-tul tal-prodotti u s-servizzi essenzjali tal-ekosistemi jfisser li rridu nagħtu l-valur it-tajjeb lill-kapital naturali tagħna. L-investiment fil-kapital naturali, bħal dak fl-infrastruttura ekoloġika, ħafna drabi jwassal għal qligħ akbar milli dak f'alternattivi mibnija jew immanifatturati, bi spejjeż inqas għoljin fil-bidu.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, il-kapital naturali u s-servizzi tal-ekosistemi se jkunu mogħtija l-valur it-tajjeb tagħhom u se jitqiesu kif xieraq mill-awtoritajiet pubbliċi u min-negozji.

Il-Kummissjoni:

- se tippromwovi l-użu ta' strumenti finanzjarji u bbażati fuq is-suq innovattivi u tesplora l-potenzjal usa' tagħhom, inkluż l-istabbiliment possibbli ta' faċilità tal-finanzjament tal-bijodiversità u pagamenti għal servizzi dwar l-ekosistemi, biex tindirizza l-isfidi għall-ekosistemi u l-bijodiversità fuq il-livell nazzjonali, tal-UE u internazzjonali, b'mod partikolari f'kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati (fuq bażi kontinwa);
- se tressaq proposti sabiex jitrawwem l-investiment fil-kapital naturali u jittieħed il-potenzjal kollu għat-tkabbir u l-innovazzjoni tal-infrastruttura ekoloġika u tal-“ekonomija tar-restawr” permezz ta' Komunikazzjoni dwar l-infrastruttura ekoloġika (fl-2012) u inizjattiva biex ma jkun hemm l-ebda telf nett (fl-2015).

Flimkien mal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom:

- jiddeskrivu l-qagħda tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom (sal-2014);
- jivvalutaw il-valur ekonomiku tagħhom u jippromwovu l-integrazzjoni ta' dawn il-valuri fis-sistemi tal-kontabbiltà u tar-rappurtar fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali (fuq bażi kontinwa);
- jaħdmu mal-partijiet interessati sabiex in-negozji jiġu nkuraġġiti jivvalutaw kemm jiddependu fuq is-servizzi tal-ekosistemi, filwaqt li jibnu fuq il-Pjattaforma tal-UE għall-bijodiversità u n-negozji (fuq bażi kontinwa).

4.2. Il-bijodiversità

Ħafna mill-ekosistemi tagħna jissejsu fuq il-bijodiversità, li hija vitali għar-reżistenza tagħhom. It-telf tal-bijodiversità jista' jdgħajjef l-ekosistema, jikkomprometti l-ġoti tas-servizzi tal-ekosistemi u jagħmel l-ekosistema ħafna iktar vulnerabbli għax-xokkijiet ambjentali. Ir-restawr tal-ekosistemi li jkunu ġew iddegradati jiswa ħafna flus u xi kultant il-bidliet li jkunu saru ma jkunux jistgħu jitreggħu lura.

Ġie stmat li, sal-2050, l-opportunitajiet globali tan-negozju li jiddependu fuq il-bijodiversità u fuq l-ekosistemi li jissejsu fuqha jista' jkollhom valur ta' bejn USD 800 biljun u USD 2 300 biljun fis-sena. Madankollu, fil-prattika, fil-livell operattiv, fit-teħid tad-deċiżjonijiet il-valur tal-bijodiversità għadu qed jibda jitqies issa. Jekk irridu nżommu l-bijodiversità, din għandha ssir ħaġa komuni.

L-Istrateġija l-għdida tal-UE għall-bijodiversità għall-2020 tistabbilixxi l-għodod ewlenin tal-politika sabiex niksbu dan l-għan u sabiex jitreġġgħu lura x-xejriet fit-telf tal-bijodiversità li rajna f'dawn l-aħħar ġenerazzjonijiet.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, se jkunu twaqqfu t-telf tal-bijodiversità fl-UE u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi u, safejn ikun possibbli, il-bijodiversità se tkun ġiet irrestawrata.

Il-Kummissjoni:

- se ssaħħaħ, b'mod sinifikanti, l-isforzi tagħha biex tintegra l-ħarsien tal-bijodiversità u l-azzjonijiet favur l-ekosistemi fil-politiki l-oħra tal-Komunità, speċjalment f'dawk dwar l-agrikultura u s-sajd (fuq bażi kontinwa).

Flimkien mal-Kummissjoni, l-Istati Membri:

- se jaħdmu biex jilħqu l-għanijiet tal-Istrateġija għall-Bijodiversità billi jintegraw il-valur tas-servizzi tal-ekosistemi fit-tfassil tal-politika (fuq bażi kontinwa).

4.3. Il-minerali u l-metalli

Iktar effiċjenza fl-użu tar-riżorsi naturali, bħall-metalli u l-minerali, hija aspett essenzjali tal-użu effiċjenti tar-riżorsi. Ir-riskji speċifiċi tagħhom, fosthom is-sigurtà tal-provvista, huma ttrattati fl-Inizjattiva dwar il-Materja Prima, kif ukoll fil-politiki dwar il-klima u l-enerġija mogħtija fil-kuntest tal-Inizjattiva Ewlenija għall-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi, u għalhekk mhux se jiġu diskussi f'haġna dettall f'din it-taqsimha, minkejja li l-interazzjoni tal-użu tagħhom mar-riżorsi l-oħrajn hija rikonoxxuta.

Aħna u nimxu lejn ġestjoni tal-materjali sostenibbli li hija bbażata verament fuq il-konsum, jiġifieri lejn "ekonomija ċirkolari", li fiha l-iskart isir riżorsa, se naslu wkoll għal użu iktar effiċjenti tal-minerali u tal-metalli. Il-passi deskritti fit-taqsimha 3 ta' dan il-pjan direzzjonali se jkollhom impatt dirett fuq l-effiċjenza tar-riżorsi tal-minerali u tal-metalli, permezz ta' miżuri sabiex jitqiesu aktar l-impatti tul iċ-ċiklu ta' haġna ta' prodott u sabiex jiġi evitat l-iskart u jkun hemm iktar riċiklaġġ u użu mill-għdid, permezz ta' riċerka u innovazzjoni mtejbina u permezz ta' miżuri oħrajn sabiex jittejjbu l-istrutturi tas-suq.

4.4. L-ilma

L-ilma huwa riżors importanti haġna għas-saħħa tal-bniedem u huwa essenzjali għall-agrikultura, it-turiżmu, l-industrija, it-trasport u l-enerġija. In-nuqqas ta' disponibbiltà tal-ilma jkollu impatt kruċjali fuq l-enerġija mill-impjanti idroelettriċi u fuq it-tkessiħ tal-impjanti nukleari u tal-impjanti termali tal-elettriku.

L-istatus ambjentali tajjeb u s-saħħa taċ-ċittadini jiddependu fuq il-kwalità u d-disponibbiltà ta' ilma frisk. Madankollu, dawn qed jonqsu. It-tibdil fil-klima mistenni jżid in-nuqqas tal-ilma kif ukoll l-intensità u l-frekwenza tal-għargħar. Haġna mill-baċiri tax-xmajjar u mill-ilmijiet fl-Ewropa nbidlu minha l-estrazzjoni tal-ilma, it-tinxif tal-artijiet mghaddrin u l-bini tad-digi, li haġna drabi wasslu għal kwalità baxxa tal-ilma b'effetti ekoloġiċi negattivi kbar, impatti possibbli fuq is-saħħa u spazju limitat għall-habitats naturali.

20 % sa 40 % tal-ilma fl-Ewropa jinħela u l-effiċjenza fl-użu tal-ilma tista' tittejjeb b'40 % permezz tat-titjib teknoloġiku biss¹³. Approċċ imtejjeb għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma jeħtieġ koordinazzjoni mill-qrib mal-politiki tal-agrikultura, tat-trasport, tal-iżvilupp reġjonali u tal-enerġija, kif ukoll ipprezzar effettiv u ġust tal-ilma kif inhu meħtieġ mid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma. Il-bidliet fl-ekosistemi, fl-użu tal-artijiet, fix-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum tal-ilma u tal-użu mill-ġdid jistgħu jnaqqsu l-iskarsezza tal-ilma u jiżguraw li l-ilma jkun ta' kwalità tajba b'mod kosteffiċjenti.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, il-Pjanijiet kollha għall-Ġestjoni tal-Baċiri tax-Xmajjar tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma se jkunu ilhom li ġew implimentati. Fl-2015 se jkun intlaħaq stat tajjeb tal-ilmijiet fil-baċiri kollha tax-xmajjar tal-UE, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità, mal-kwantità u mal-użu tal-ilma. L-impatti tan-nixfiet u tal-għargħar se jkunu tnaqqsu kemm jista' jkun u se jkun hemm għelejjel adattati għalihom, ħamrija li żżomm iktar ilma fiha u tisqija effiċjenti. Se nkunu niddependu fuq l-għażliet alternattivi għall-provvista tal-ilma biss meta l-opportunitajiet kollha l-oħra għall-iffrankar li jkunu irħas ikunu ttieħdu. L-estrazzjoni tal-ilma għandha tibqa' f'livell li jkun inqas minn 20 % tar-riżorsi disponibbli tal-ilma li huma rinnovabbli.

Il-Kummissjoni:

- se tkompli tintegra l-kunsiderazzjonijiet dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi fil-politika dwar l-ilma, u pjan iddettaljat sabiex l-ilma tal-Ewropa jiġi ssalvagwardjat se jiddefinixxi strateġija kosteffiċjenti (xogħol li diġà għaddej);
- se tivvaluta l-Pjanijiet għall-Ġestjoni tal-Baċiri tax-Xmajjar tal-Istati Membri sabiex tidentifika l-oqsma fejn ikun għad hemm bżonn ta' iktar azzjonijiet (fl-2011);
- se tivvaluta u tipproponi (fl-2012):
 - miri għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma u miżuri aħjar għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma (pereżempju l-kejl intelliġenti bil-miter, rekwiżiti obbligatorji għat-tagħmir li juża l-ilma, linji gwida għall-użu mill-ġdid tal-ilma, it-tnaqqis tat-tnixxijiet fl-infrastruttura tal-ilma, l-iffrankar tal-ilma fit-tisqija, eċċ.);
 - ġestjoni aħjar tad-domanda permezz ta' strumenti ekonomiċi (l-ipprezzar, l-allokazzjoni tal-ilma) u l-użu ta' skemi tat-tikkettar u taċ-ċertifikazzjoni li jkejlu l-impatt fuq iċ-ċiklu ta' ħajja ta' prodott u l-kontenut virtwali tal-ilma tal-prodotti;
 - kandidat għal Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-ilma.

L-Istati Membri għandhom:

- jistabbilixxu miri għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma għall-2020 fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar, b'miżuri xierqa li jikkumplimentawhom, ibbażati fuq metodu komuni tal-UE li jqis is-sitwazzjonijiet differenti fis-setturi ekonomiċi u fiż-żoni ġeografiċi kollha.

4.5. L-arja

L-arja nadifa hija riżorsa prezzjuża. Fiż-żoni bl-ikbar densità tal-popolazzjoni tal-UE, diversi standards marbutin mal-kwalità tal-arja qed jinqabżu bil-kbir, l-iktar minħabba s-sustanzi li jniġġsu li joħolqu l-ikbar ammont ta' problemi bħall-materja tal-partikoli, l-ożonu fil-livell tal-art u d-dijossidu tan-nitroġenu. Minkejja l-isforzi l-kbar biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-sustanzi li jniġġsu, il-konċentrazzjonijiet attwali ta' partikoli fini jwasslu għal 500 000 mewta

¹³ L-istudju tal-2007 tal-“Ecologic Institute” imsejjaħ “Il-potenzjal għall-iffrankar tal-ilma fl-UE”.

qabel il-waqt kull sena fl-UE u fil-pajjiżi ta' madwarha¹⁴. Studji oħrajn urew li l-għadd ta' ġranet tax-xogħol li ntilfu minħabba mard ikkawżat mit-tniġġis tal-arja huwa ikbar mill-għadd ta' ġranet tax-xogħol meħtieġa sabiex jitħallsu l-miżuri addizzjonali biex jitnaqqsu s-sustanzi li jniġġsu.

L-ekosistemi u l-agrikultura jsofru wkoll, b'mod sinifikanti, minn impatti ta' affarijiet imxerrda bl-arja bħall-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ħsara lill-ħxejjex ikkawżata mill-ożonu. L-ispiża ekonomika annwali għall-2020 ġiet stmata li se tkun ta' EUR 537 biljun¹⁵.

Implimentazzjoni aħjar tal-leġislazzjoni eżistenti u standards ġodda bbażati fuq ix-xjenza se jgħinu biex jiġu indirizzati dawn il-problemi u biex jiggwidaw l-innovazzjoni. Bi żminijiet xierqa ta' tmexxija, u permezz ta' azzjonijiet oħra f'dan il-pjan direzzjonali, pereżempju permezz ta' tnaqqis fl-iskart, permezz ta' metodi tal-produzzjoni iktar effiċjenti u permezz ta' azzjoni fil-politika agrikola u fis-settur tat-trasport, dawn jistgħu jiżguraw benefiċċji għall-kwalità tal-arja mill-bidla għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Il-pass ewlieni: Sal-2020 se jkunu ntlaħqu l-istandards temporanji tal-UE marbutin mal-kwalità tal-arja, fosthom daww fiż-żoni urbani l-iktar imniġġsin, u daww l-istandards se jkunu ġew aġġornati u se jkunu ġew iddefiniti miżuri addizzjonali sabiex inkomplu nersqu lejn l-għan aħħari li nilħqu livelli tal-kwalità tal-arja li ma jkollhomx impatti sinifikanti fuq is-saħħa u fuq l-ambjent.

Il-Kummissjoni:

- se twettaq reviżjoni komprensiva tal-politiki kollha tal-UE marbutin mat-tniġġis tal-arja (sal-2013);
- se tipproponi strateġija aġġornata li tmur lil hinn mill-2020, li tivvaluta l-ambitu għall-użu ta' standards marbutin mal-kwalità tal-arja u mal-emissjonijiet u ta' miżuri oħrajn biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-sorsi ewlenin (fl-2013);
- se tappoġġa l-implimentazzjoni ta' miżuri eżistenti li jgħinu biex jiġu solvuti problemi persistenti fil-kwalità tal-arja.

L-Istati Membri għandhom:

- iżidu r-rata ta' implimentazzjoni tagħhom tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-kwalità tal-arja (fuq bażi kontinwa).

4.6. L-art u l-ħamrija

Fl-UE, ta' kull sena jittieħdu iktar minn 1 000 kilometru kwadru ta' art għad-djar, għall-industrija, għat-toroq jew għal finijiet ta' rikreazzjoni. Madwar nofs dan l-ammont jiġi, fil-fatt, "issiġġillat"¹⁶. Id-disponibbiltà tal-infrastruttura tvajra ħafna bejn ir-reġjuni, iżda, b'kollox, kull għaxar snin ngħattu erja tal-wiċċ li hija daqs Ċipru. Jekk irridu nilħqu stat fejn ma tittieħed ebda art netta sal-2050, u nimxu ma' linja dritta, se jkollna nnaqqsu t-teħid tal-art

¹⁴ Ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent imsejjaħ "SOER 2010".

¹⁵ Rapport tal-2011 taċ-Ċentru għall-enerġija l-ambjent u s-saħħa (is-CEEH), miktub minn J. Brandt *et al.*, imsejjaħ "Valutazzjoni tal-aspetti esterni tal-kosti tas-saħħa li ġejjin mit-tniġġis tal-arja fil-livell nazzjonali bl-użu tas-sistema tal-mudell tal-EVA (l-għoti ta' valur ekonomiku lit-tniġġis tal-arja)".

¹⁶ Ir-rapport tal-2011 tal-Komunitajiet Ewropej, miktub minn Prokop *et al.*, imsejjaħ "Rapport dwar l-aħjar Prattiki biex jiġi l-limitat is-siġillat tal-ħamrija u biex jittaffew l-effetti tiegħu".

għal medja ta' 800 kilometru kwadru kull sena fil-perjodu mill-2000 sal-2020. F'haġna reġjuni, il-ħamrija tgħawret b'mod li ma jistax jitreġġa' lura jew inkella għandha kontenut baxx ta' materja organika. It-tniġġis tal-ħamrija wkoll huwa problema serja.

L-art kważi dejjem tintuża b'kompromess bejn id-diversi ħtiġijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali (pereżempju l-ħtiġijiet għad-djar, għall-infrastruttura tat-trasport, għall-produzzjoni tal-enerġija, għall-agrikultura u għall-ħarsien tan-natura). Id-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-art huma impenji li jittieħdu fit-tul li diffiċli jitreġġgħu lura jew li jiswew haġna biex isir dan. Dal-ħin, dawn id-deċiżjonijiet haġna drabi jittieħdu mingħajr analiżi sewwa, minn qabel, tat-tali impatti, pereżempju permezz ta' Valutazzjoni Ambjentali Strateġika. Ir-riformi fil-politika tal-UE dwar l-agrikultura, l-enerġija, it-trasport u l-koeżjoni se jipprovdu l-opportunità li jiġu stabbiliti l-qafas u l-inċentivi t-tajba biex dan l-għan jintlaħaq mill-awtoritajiet pubbliċi u mis-sidien tal-artijiet.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, il-politiki tal-UE se jkunu jqisu l-impatt dirett u indirett tagħhom fuq l-użu tal-art fl-UE u fid-dinja, u r-rata tat-teħid tal-art se tkun miexja fit-triq it-tajba bl-għan li, sal-2050, ma tkun qed tittieħed ebda art netta; l-erożjoni tal-ħamrija se tkun tnaqqset, il-materja organika fil-ħamrija se tkun żdiedet u x-xogħol ta' rimedju fis-siti mniġġsin se jkun miexi sewwa.

Il-Kummissjoni:

- se tiżviluppa aktar il-bażi tal-għarfien xjentifiku dwar il-materjal li għandu x'jaqsam mal-ħajja, dwar l-effetti u x-xejriet fl-użu tal-art u dwar l-ippjanar tal-ispazju, fosthom l-impatti fil-livell dinji u l-effetti fuq l-imsieħba fin-negozju, u se tenfasizza l-aħjar prattiki fl-Istati Membri, biex imbagħad toħroġ Komunikazzjoni dwar l-użu tal-art (fl-2014);
- se tindirizza l-bidla indiretta fl-użu tal-art li tiġi, b'mod speċjali, mill-politika dwar l-enerġija minn sorsi rinnovabbli (fuq bażi kontinwa);
- se tippubblika linji gwida dwar l-aħjar prattiki biex jiġi llimitat is-siġillat tal-ħamrija, biex dan jittaffa jew biex ikun hemm kumpens għalih b'xi mod (sal-2012);
- se tinkludi kunsiderazzjonijiet usa' dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi hija u tirrevedi d-Direttiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali (fl-2012).
- se tipproponi kandidat għal Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (fl-2011) dwar il-produttività u s-sostenibbiltà fl-agrikultura li jkollha l-għan, fost l-oħrajn, li tiżgura l-funzjonalità tal-ħamrija fl-livell sodisfaċenti (sal-2020).

L-Istati Membri għandhom:

- jintegraw aħjar l-użu dirett u indirett tal-art u l-impatti ambjentali ta' dan l-użu fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom u jillimitaw it-teħid tal-art u s-siġillat tal-ħamrija safejn ikun possibbli (fuq bażi kontinwa);
- jimplimentaw l-azzjonijiet meħtieġa sabiex titnaqqas l-erożjoni tal-ħamrija u tiżdied il-materja organika fiha (fuq bażi kontinwa);
- jistabbilixxu inventarju tas-siti mniġġsin u skeda għax-xogħol ta' rimedju (sal-2015).

4.7. Ir-riżorsi tal-baħar

L-ambjent tal-baħar fih opportunitajiet ekonomiċi f'medda wiesgħa ta' setturi bħall-estrazzjoni tal-minerali, il-farmaċewtiċi, il-bijoteknoloġija u l-enerġija. L-ambjent tal-baħar

jipprovdi wkoll servizzi ewlenin tal-ekosistemi bħall-funzjonijiet naturali regolatorji li jgħinu biex jiġu miġġieldin it-tibdil fil-klima u l-erożjoni bil-mod tal-kosta. Il-pressjonijiet fuq dawn is-sistemi, fosthom mill-fatt li s-sustanzi li jniġġsu li jkunu jinsabu fl-ilma ħelu jiskulaw għal ġol-baħar, għadhom severi, anke jekk f'xi każijiet qegħdin jonqsu. Hemm nuqqas ta' ġestjoni koerenti tal-ispazju tal-baħar li diġà qed jaffettwa il-possibilitajiet tagħna li nibbenefikaw mill-attivitajiet marittimi. L-użu ta' strumenti tal-ippjanar spazjali f'żoni tal-baħar għandu jikkontribwixxi għall-użu effiċjenti tar-riżorsi.

L-eżawriment tal-istokkijiet tal-ħut għandu konsegwenzi ekonomiċi u soċjali serji għaż-żoni ta' mal-kosta u jikkontribwixxi għal iktar telf tal-bijodiversità billi jħarbat is-sistemi, filwaqt li t-tniġġis tal-baħar u t-tibdil fil-klima jwasslu għal sfidi oħrajn (bħal, pereżempju, l-aċidifikazzjoni). Il-Politika Komuni tas-Sajd tal-UE u l-Politika Marittima Integrata tal-UE qegħdin ipoġġu s-sostenibbiltà fil-qalba tal-għanijiet tagħhom, sabiex ikun żgurat użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar mill-operaturi kollha fil-katina tal-valur.

Iktar minn miljun għasfur u 100,000 annimal mammiferu tal-baħar u fkieren tal-baħar imutu kull sena minħabba l-iskart magħmul mill-plastik u ħmieġ ieħor tal-baħar. Fatturi bħall-iskart tal-baħar u t-trattament tad-dranaġġ urban jaggravaw ħafna t-tniġġis f'ċerti ibħra madwar l-Ewropa. Sabiex jiġu indirizzati t-tali pressjonijiet, id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima ttipprovdi dispożizzjonijiet biex jinkiseb stat ambjentali tajjeb fl-ilmijiet tal-baħar.

Il-pass ewlieni: Sal-2020 se jkun inkiseb stat ambjentali tajjeb fl-ilmijiet tal-baħar kollha tal-UE u sal-2015 is-sajd se jkun qed isir fil-limiti tal-produzzjoni massima sostenibbli.

Il-Kummissjoni:

- se timmira li tiżgura li jkun hemm ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fil-kuntest tal-aħħar proposti li għamlet biex issir riforma tal-politika komuni tas-sajd;
- se tagħmel iktar proposti sabiex jitneħħew bil-mod il-mod is-sussidji kollha mogħtija fil-qasam tas-sajd li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent;
- se tikkontribwixxi sabiex jitħares il-kapital naturali tal-baħar u ta' mal-kosta billi tipproponi miżuri tal-politika dwar il-ġestjoni u l-ippjanar (fl-2012), kif ukoll billi tkompli tappoġġa b'mod kontinwu l-proġetti tal-ġharfien u tal-wiri;
- se tippromwovi strateġiji bbażati fuq l-ekosistemi u tintegra r-riskju marbut mal-klima fl-attivitajiet marittimi (Komunikazzjoni fl-2012 imsejħa "L-adattament mal-kosta u fil-baħar għat-tibdil fil-klima");
- se tappoġġa l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u tidentifika opportunitajiet innovattivi tan-negozju fl-ekonomija marittima u ta' mal-kosta (Komunikazzjoni fl-2012 dwar "It-ṭkabbir marittimu").
- se tikkontribwixxi għall-istrateġiji dwar l-iskart tal-baħar fl-erba' reġjuni marittimi kollha tal-UE, filwaqt li tikkollabora mill-qrib mal-Istati Membri ta' mal-kosta jew fil-Konvenzjoni rispettiva dwar l-ibħra reġjonali (fl-2012);
- se tappoġġa lill-Istati Membri billi tiżviluppa miżuri sabiex, sal-2020, jinkiseb stat ambjentali tajjeb fl-ilmijiet tal-baħar u sabiex jiġi stabbilit netwerk estensiv ta' żoni protetti (fl-2020).

L-Istati Membri għandhom:

- jimplimentaw id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima u jidentifikaw żoni tal-baħar protetti.

5. IS-SETTURI EWLENIN

Fil-pajjiżi industrijalizzati, in-nutrizzjoni, id-djar u l-mobbiltà tipikament huma responsabbli għal 70 sa 80 % tal-impatti ambjentali kollha. Dawn is-setturi huma fatturi ewlenin biex jiġu indirizzati l-isfidi marbutin mal-enerġija u mat-tibdil fil-klima li jittrattaw l-istrateġiji kumplimentari fit-tul, li jingħaqdu flimkien mal-miżuri deskritti f'dan id-dokument sabiex jittkabbru kemm jista' jkun is-sinerġiji skont l-Inizjattiva Ewlenija għall-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi¹⁷.

5.1. Nindirizzaw l-ikel

Il-katina tal-valur tal-ikel u tax-xorb tal-UE toħloq 17 % mill-emissjonijiet diretti tagħna tal-gassijiet b'effett ta' serra u 28 % mill-użu tar-riżorsi materjali, u x-xejriet tal-konsum tagħna għandhom impatt mad-dinja kollha, b'mod partikulari b'rabta mal-konsum tal-proteini li ġejjin mill-annimali. Din hija utent ewlieni tal-ilma ta' kwalità għolja, li huwa essenzjali għas-suċċess tagħha. Madankollu, fl-UE biss naħlu 90 miljun tunnellata ta' ikel fis-sena, jiġifieri 180 kilogramma għal kull persuna. Ħafna minn dan l-ikel ikun għadu tajjeb għall-konsum mill-bniedem.

Sforz ikkombinat min-naħa tal-bdiewa, tal-industrija tal-ikel, tal-bejjiegħa bl-imnut u tal-konsumaturi, permezz ta' tekniki tal-produzzjoni li jkunu jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti, ta' għażliet sostenibbli tal-ikel (skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-WHO dwar l-għadd ta' proteini li ġejjin mill-annimali, fosthom il-prodotti tal-ħalib u tal-laħam, li kull persuna għandha tikkonsma) u permezz ta' inqas ħela ta' ikel, jista' jikkontribwixxi biex jittejbu l-użu effiċjenti tar-riżorsi u s-sigurtà tal-ikel fil-livell dinji.

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-baġit għall-Istrateġija "Ewropa 2020", il-Kummissjoni pproponiet il-miżuri li se jkollha twettaq Politika Agrikola Komuni riformata sabiex issir iktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi¹⁸. Kwistjoni oħra għas-sigurtà globali tal-ikel fit-tul hija l-provvista sostenibbli tal-fosfru, li huwa riżorsa ewlenija għall-proċess tal-fertilizzazzjoni tal-ħamrija li ma tistax tinbidel. Hemm bżonn ta' iktar riċerka sabiex jiġi identifikat kif it-titjib fil-kwistjonijiet marbutin mal-fertilizzanti, mal-produzzjoni tal-ikel u mal-iskart jista' jnaqqas id-dipendenza tagħna fuq il-fosfat li ġej mill-minjieri.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, se jkun hemm inċentivi ma' kullimkien biex il-produzzjoni u l-konsum tal-ikel ikunu iktar b'saħħithom u iktar sostenibbli u dawn l-inċentivi se jkunu naqqsu r-riżorsi li jidħlu fil-katina tal-ikel b'20 %. Ir-rimi ta' ikel li jkun għadu jista' jittiekel se jkun tnaqqas bin-nofs fl-UE.

Il-Kummissjoni:

- se tivvaluta aktar l-aqwa mod kif jista' jiġi llimitat l-ikel mormi matul il-katina tal-provvista tal-ikel, u se tqis il-modi kif jista' jitnaqqas l-impatt ambjentali tax-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum tal-ikel (Komunikazzjoni dwar l-ikel sostenibbli sal-2013);
- se tiżviluppa metodu għall-kriterji tas-sostenibbiltà għal oġġetti bażiċi ewlenin tal-ikel (sal-2014);

¹⁷ COM(2011) 112, COM(2011) 109, COM(2010) 639.

¹⁸ COM(2011) 500.

- se tivvaluta aktar is-sigurtà tal-provvista tal-fosfru u l-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu sabiex dan ikun użat b'mod sostenibbli ("Green Paper" dwar l-użu sostenibbli tal-fosfru sal-2012).

L-Istati Membri huma mistiedna:

- jindirizzaw il-ħela tal-ikel fil-Programmi Nazzjonali tagħhom għall-Prevenzjoni tal-Iskart (fl-2013).

5.2. Intejbu l-bini

Kostruzzjoni u użu aħjar tal-bini fl-UE jinfluwenzaw 42 % tal-konsum aħħari tal-enerġija tagħna, madwar 35 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tagħha¹⁹ u iktar minn 50 % tal-materjali estratti kollha, u jistgħu jgħinuna niffrankaw sa 30 % tal-ilma²⁰. Għalhekk, il-politiki eżistenti biex jiġu promossi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-bini, iridu jissaħħu u jiġu kkumplementati aktar minn politiki għall-effiċjenza fl-użu tar-*riżorsi*, li jħarsu lejn firxa usa' ta' impatti ambjentali tul iċ-ċiklu ta' *ħajja* tal-bini u tal-infrastruttura. Għandhom jitqiesu dejjem aktar l-ispejjeż tal-bini tul il-*ħajja*, iktar milli sempliċiment l-ispejjeż tal-bidu, fosthom l-iskart mill-kostruzzjoni u mit-twaqqigħ tal-bini. Sabiex tinkiseb effiċjenza fl-użu tar-*riżorsi* fil-bini u wkoll il-mobbiltà, hemm bżonn ta' ppjanar aħjar tal-infrastruttura minn qabel.

Titjib sinifikanti fl-użu tar-*riżorsi* u tal-enerġija tul iċ-ċiklu tal-*ħajja* – b'materjali sostenibbli mtejb, iktar riċiklaġġ tal-iskart u disinn imtejjeb – se jikkontribwixxi biex is-settur tal-bini jkun wieħed kompetittiv u biex jiġi żviluppat stokk ta' bini li jkun juża r-*riżorsi* b'mod effiċjenti. Dan jeħtieġ l-impenn attiv tal-katina kollha tal-valur fis-settur tal-bini. Hemm bżonn ta' politiki speċifiċi sabiex l-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, li jiffurmaw il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji tal-kostruzzjoni, jitqanqlu jitħarrġu dwar metodi u prattiki tal-bini li jkunu jużaw ir-*riżorsi* b'mod effiċjenti u jinvestu fihom.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, ir-rinnovazzjoni u l-kostruzzjoni tal-bini u tal-infrastruttura se jkunu qed isiru b'livelli għolja ta' effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. L-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja se jkun qed jiġi applikat b'mod wiesa'; il-bini l-għdid kollu mhu se jkun juża kważi l-ebda enerġija²¹ u se jkun juża l-materjali b'mod effiċjenti ħafna, u se jkunu fis-seħħ politiki biex jiġi rrinovat il-bini eżistenti²² sabiex dan ikun irrinovat b'mod kosteffiċjenti b'rata ta' 2 % fis-sena. 70 % tal-iskart mill-kostruzzjoni u mit-twaqqigħ tal-bini li ma jkunx perikoluż se jkun qed jiġi rriċiklat²³.

iIl-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri, :

- se jivvalutaw kif se jappoġġaw il-pjanijiet għall-investiment fil-ħiliet, l-iskemi għall-apprentisti u l-komunikazzjoni dwar l-aħjar prattiki tal-industrija marbutin mal-użu effiċjenti tar-*riżorsi* (fuq bażi kontinwa);
- se jieħdu miżuri biex jiġu stimulat d-domanda u l-adozzjoni ta' prattiki tal-bini li jkunu jużaw ir-*riżorsi* b'mod effiċjenti permezz tal-kalkolu tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-*ħajja* tal-bini u ta' arranġamenti xierqa tal-finanżjament, bl-użu ta' "test tal-

¹⁹ COM(2007) 860 finali.

²⁰ COM(2007) 414 finali.

²¹ Id-Direttiva 2010/31/UE.

²² F'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE tad-19 ta' Mejju 2010.

²³ F'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/98/KE.

impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju" fejn ikun hemm bżonn; miżuri biex jitwessa' iktar l-ambitu tal-Kodiċijiet Ewropej sabiex jitfasslu kriterji marbutin mas-sostenibbiltà; miżuri sabiex jiġu żviluppati inċentivi biex jiġi ppremjat il-bini li jkun juża r-riżorsi b'mod effiċjenti u sabiex jiġi promoss l-użu sostenibbli tal-bini fil-kostruzzjoni (Komunikazzjoni fl-2011 dwar il-kompetittività sostenibbli tas-settur tal-bini u Komunikazzjoni fl-2013 dwar il-bini sostenibbli);

- se jivvalutaw kif tista' tinkuraġġixxi bl-aħjar mod l-innovazzjoni fil-kostruzzjoni min-naħa tas-settur privat (fuq bażi kontinwa).

5.3. Niżguraw mobbiltà li tkun effiċjenti

Sistema moderna tal-mobbiltà li tkun tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti, li tkun taqdi kemm lill-passiġġieri kif ukoll lill-merkanzija, tista' tikkontribwixxi ħafna għall-kompetittività u s-sostenibbiltà. Il-White Paper dwar it-trasport²⁴ tagħti firxa wiesgħa ta' għażliet biex infittxu li tintlaħaq il-politika olistika meħtieġa dwar it-trasport.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, l-effiċjenza ġenerali fis-settur tat-trasport se twassal għal valur akbar b'użu ottimu tar-riżorsi bħall-materja prima, l-enerġija u l-art, u b'inqas impatti fuq it-tibdil fil-klima, it-tniġġis tal-arja, l-istorbju, is-saħħa, l-inċidenti, il-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistemi. It-trasport se jkun juża inqas enerġija u se juża enerġija iktar nadifa, se jisfrutta aħjar l-infrastruttura moderna u se jnaqqas l-impatt negattiv tiegħu fuq l-ambjent u fuq assi naturali ewlenin bħall-ilma, l-art u l-ekosistemi. Bħala medja, mill-2012 'il quddiem se jkun hemm tnaqqis ta' 1 % fis-sena fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mis-settur tat-trasport.

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-inizjattivi mogħtija fil-White Paper dwar it-trasport ikunu implimentati b'mod li jkun konsistenti mal-għanijiet tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, b'mod partikulari billi nimxu lejn l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni.

6. IL-GOVERNANZA U L-MONITORAĠĠ

Il-bidla tal-UE għal ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod iżjed effiċjenti se tkun teħtieġ azzjoni miftiehma mifruxa fuq għadd wiesa' ta' politiki. Il-Kummissjoni se tniedi sforz konġunt mal-partijiet interessati biex taħdem fuq id-definizzjoni tal-indikaturi u l-miri t-tajbin biex l-azzjonijiet ikunu ggwidati u l-progress jiġi mmonitorjat. Dawn se jħallu l-effett ta' bidla meħtieġ biss jekk huma jagħtu s-sehem kollu tagħhom fl-istrategġija "Ewropa 2020" u jekk l-użu effiċjenti tar-riżorsi jkun integrat fis-Semestru Ewropew dwar il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

6.1. Toroq ġodda għall-azzjonijiet marbutin mal-użu effiċjenti tar-riżorsi

Intejbu d-djalogu: Dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE, fil-livell tal-Istati Membri u fil-livell reġjonali għandhom bżonn jieħdu sehem f'taħditiet attivi man-negozji u mas-soċjetà ċivili dwar il-kundizzjonijiet tal-politika li huma meħtieġa sabiex jingħelbu l-ostakli li hemm għall-użu effiċjenti tar-riżorsi.

²⁴ COM(2011) 144.

Ninvestu fil-bidla: L-użu effiċjenti tar-riżorsi jista' jnaqqas il-kosti, iżda ħafna drabi jkun jeħtieġ investiment inizjali. L-UNEP stima li hemm bżonn ta' finanzjament ta' bejn USD 1.05 u USD 2.59 triljun fis-sena sabiex l-ekonomija dinjija tibda tuża r-riżorsi b'mod iktar effiċjenti, u li dan il-finanzjament irid jiġi l-aktar mis-settur privat²⁵. Dan se jeħtieġ mhux biss infiq għal soluzzjonijiet ekoloġiċi iżda wkoll li l-investimenti kollha pubbliċi u privati jkunu ekoloġiċi. Il-proposta għal Qafas Finanzjarju Multiannwali għall-2014-2020 diġà ħadet passi kbar ħafna lejn l-integrazzjoni tal-użu effiċjenti tar-riżorsi fil-baġit tal-UE. It-tkabbir b'rata mgħaġġla tal-finanzjament dinji għall-enerġija nadifa juri li din il-bidla fl-attitudnijiet hija possibbli. Madankollu, in-nuqqas ta' familjarità tal-finanzjiera mar-riskji u mal-qliġ fuq l-investimenti fl-użu effiċjenti tar-riżorsi jippreżenta ostaklu għall-investiment, in-nuqqas ta' ċertezza dwar id-direzzjoni u l-kredibilità tal-politika jżid ir-risku finanzjarju u l-investimenti iktar fit-tul ħafna drabi ma tantx jingħataw benefiċċji mis-swieq finanzjarji li huma mmirati lejn prestazzjonijiet fuq terminu qasir taż-żmien.

Niżviluppaw indikaturi u miri potenzjali: Jekk nistabbilixxu l-indikaturi u niddefinixxu proċess għal miri wesgħin għall-użu effiċjenti tar-riżorsi, dan se jgħinna nfasslu t-triq lejn il-viżjoni ta' użu effiċjenti tar-riżorsi li għandna għall-2050: il-politika pubblika tista' titfassal aħjar sabiex tqis l-ispejjeż u l-benefiċċji li jkun hemm meta wieħed juża r-riżorsi b'mod iktar effiċjenti u s-settur pubbliku se jibbenefika minn sinjali aħjar għall-pjanijiet tal-investiment tiegħu u mill-prevedibbiltà u t-trasparenza meħtieġa biex jittieħdu deċiżjonijiet fit-tul.

L-għan tat-tkabbir sostenibbli mogħti fl-istrateġija "Ewropa 2020" diġà jistabbilixxi miri speċifiċi marbutin mal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u mal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, li huma rilevanti għall-kisba tal-għanijiet tal-użu effiċjenti tal-enerġija. Huwa importanti ferm li dawn il-miri jintlaħqu sabiex jitħarsu r-riżorsi naturali u l-azzjonijiet mogħtija f'dan il-pjan direzzjonali se jikkontribwixxu wkoll sabiex dawn jintlaħqu. Madankollu, dawn ma jaqbdux uħud mill-konsegwenzi negattivi fuq l-ekonomija tagħna, fuq saħħitna u fuq il-kwalità ta' ħajja tagħna, pereżempju fatturi bħalma huma l-użu tal-art b'mod mhux effiċjenti, il-kwalità ta' l-ħajja tal-ilma u l-livell baxx ta' disponibbiltà tal-ilma, l-iskart, it-tniġġis tal-arja u t-telf tas-servizzi tal-ekosistemi, tal-istokkijiet tal-ħut u tal-bijodiversità. Jekk dawn jittieħdu f'kunsiderazzjoni, jkun imsahhaġ l-isfruttament ta' sorsi ġodda ta' tkabbir sostenibbli u tissaħħaħ il-kompetittività fit-tul.

Diġà qed isir progress sabiex jiġu integrati sistemi tal-kontabbiltà ekonomiċi u soċjali ambjentali, iżda hemm diversi ideat li qed jikkompetu ma' xulxin dwar liema indikaturi jeħtieġ li jintużaw, li jittejjbu jew li jiġu żviluppati sabiex jiggwidaw aħjar id-deċiżjonijiet dwar il-politika u dwar l-investimenti. Se jkun jeħtieġ li tali indikaturi jkunu sodi, jinftejmu faċilment u jkunu aċċettati b'mod wiesa' sabiex ikejlu b'mod kontinwu l-progress fit-titjib tal-użu effiċjenti tar-riżorsi. Minħabba dan il-Kummissjoni tipproponi li taħdem mal-partijiet interessati ewlenin biex tiżviluppa indikaturi u miri potenzjali bħal dawn.

Madankollu, filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa li tibda tkejjel il-progress b'mod immedjat, il-Kummissjoni qed tipproponi, bħala indikatur ewlieni provviżorju, il-produttività tar-riżorsi, imkejla permezz tal-proporzjon tal-PDG mal-Konsum domestiku tal-materjali (mogħti f'Euro għal kull tunnellata). Proporzjon oġġla jkun jindika prestazzjoni aħjar u t-tkabbir għandu jikkonsma, relattivament, inqas riżorsi²⁶. Madankollu, dan juri biss l-aspett tar-riżorsi

²⁵ Ara s-Sinteżi tal-UNEP tal-2010 dwar ekonomija ekoloġika.

²⁶ Bħala eżempju ta' dan l-indikatur, fl-2007, il-medja fl-UE kienet ta' madwar EUR 1.30 għal kull tunnellata, u kienet tvarja minn inqas minn 0.3 għal madwar 2.5.

materjali u ma jittratta l-ebda riżorsi oħrajn jew iċ-ċaqliq potenzjali fil-piż minn pajjiż għall-ieħor.

Minħabba li l-indikatur ewlieni provviżorju jagħti biss stampa parzjali, dan għandu jiġi kkumplimentat minn “*daxxbord*” ta’ indikaturi dwar l-ilma, l-art, il-materjali u l-karbonju u minn indikaturi li jkejlu l-impatti ambjentali u l-kapital naturali tagħna jew l-ekosistemi tagħna, u li jippruvaw iqisu wkoll l-aspetti globali tal-konsum fl-UE. Fuq livell terz, se jintużaw indikaturi tematiċi sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fl-ilħiq ta’ miri eżistenti f’setturi oħrajn, kif inhu spjegat fid-dettall fid-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja ’l dan il-pjan direzzjonali.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, se jkunu mmobilizzati l-partijiet interessati fil-livelli kollha sabiex ikun żgurat li l-politika, il-finanzjament, l-investiment, ir-riċerka u l-innovazzjoni jkunu koerenti u jkunu jsaħħu ’l xulxin b’mod reċiproku. Miri ambizzjużi għall-użu effiċjenti tar-riżorsi u indikaturi b’saħħithom u fil-ħin se jmexxu ’l dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fis-settur pubbliku u f’dak privat fil-bidla tal-ekonomija lejn waħda li tuża r-riżorsi b’mod iktar effiċjenti.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri:

- se jintegraw, mill-2012 ’il quddiem, il-kunsiderazzjonijiet dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi fis-Semestru Ewropew u se jiffokaw fuq il-fatt li tingħata prijetà lill-miżuri li jiffavorixxu t-tkabbir li jkun sostenibbli;
- se jiġbru flimkien in-negozji, ix-xjenzati, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-awtoritajiet lokali u nazzjonali sabiex jeżaminaw l-opportunitajiet u l-isfidi u jirrakkomandaw toroq ġodda għall-azzjonijiet marbutin mat-tkabbir sostenibbli li juża r-riżorsi b’mod effiċjenti (fl-2012);
- se jilħqu ftehim ġenerali ma’ dawn il-partijiet interessati dwar kif għandu jitkejjel il-progress u kif għandhom jiġu stabbiliti l-miri meħtieġa sabiex tintlaħaq l-isfida (sal-2013).

Il-Kummissjoni:

- se tniedi “Pjattaforma tal-UE għall-bidla lejn l-użu effiċjenti tar-riżorsi” (fl-2012), li tissejjes fuq ix-xogħol ta’ pjattaformi eżistenti;
- se tistabbilixxi Diskussjoni Madwar Mejda Tonda dwar il-Finanzi għall-Użu Effiċjenti tar-riżorsi, li fiha jieħdu sehem rappreżentanti tal-banek mis-settur privat u tal-banek tal-istituzzjonijiet (bħall-BEI u l-BERŻ), rappreżentanti tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u rappreżentanti tal-kumpaniji tal-kapital tar-riskju, sabiex jiġu identifikati l-opportunitajiet għall-iżvilupp ta’ finanzjament adattat u biex jintużaw strumenti finanzjarji innovattivi għall-użu effiċjenti tar-riżorsi (fl-2012);
- se tiżviluppa Panorama ta’ Ħiliet tal-UE u Kunsill Ewropew għas-Settur dwar il-ħiliet għall-impjiegi ekoloġiċi u għal impjiegi oħrajn li jkunu iktar ekoloġiċi;
- se tkompli taħdem fuq l-indikaturi, fosthom fuq il-kwalità tad-dejta, filwaqt li jittieħed kont tal-oqfsa ta’ valutazzjoni eżistenti, bħall-‘iGrowGreen’, bil-għan li dawn jiddaħħlu fir-reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-istrateġija “Ewropa 2020” (fl-2013);
- se tipproponi indikatur ewlieni ġdid dwar il-kapital naturali u l-impatti ambjentali tal-użu tar-riżorsi (fi tmiem l-2013);
- se tkompli l-isforzi tagħha skont il-pjan direzzjonali msejjaħ “Il-PDG u lil hinn minnu” sabiex il-progress ekonomiku u tas-soċjetà jitkejjel b’mod iktar komprensiv,

fost l-oħrajn billi jitkompla l-iżvilupp tas-sistema tal-kontabbiltà ambjentali, u b'hekk ikompli jiġu integrati aktar l-aspetti ambjentali esterni fil-kontabbiltà nazzjonali u billi jiġi żviluppat indiċi kompost dwar il-perssonijiet fuq l-ambjent;

- se tqis kif il-kunsiderazzjonijiet dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi jistgħu jiġu inklużi bl-aħjar mod fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-proposti dwar il-politika fil-ġejjieni.

L-Istati Membri għandhom:

- jiżviluppaw jew isaħħu l-istrateġiji nazzjonali eżistenti għall-użu effiċjenti tar-riżorsi u jdaħħluhom fil-politiki nazzjonali dwar it-tkabbir u l-impjieg (sal-2013);
- jirrapportaw dwar il-progress tagħhom marbut mal-użu effiċjenti tar-riżorsi bħala parti mill-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom.

6.2. Nappoġġaw l-użu effiċjenti tar-riżorsi fil-livell internazzjonali

Diversi pajjiżi qed jimplimentaw politiki sabiex jibbenefikaw mill-qliġ li jirriżulta minn użu ta' riżorsi b'mod iktar effiċjenti, mhux biss pajjiżi fl-UE, iżda wkoll il-Ġappun, il-Korea, l-Istati Uniti tal-Amerika, iċ-Ċina u pajjiżi oħra. Hemm ukoll interess qawwi fid-djalogu u l-kooperazzjoni f'dawn il-kwistjonijiet fil-pajjiżi tal-viċinat tal-UE. Wieħed jista' jara t-tali inizjattivi fil-kuntest tal-isforzi li qed isiru mad-dinja kollha sabiex tiġi promossa l-bidla lejn ekonomija ekoloġika. L-UE tista' titgħalliem mill-esperjenzi ta' ħaddieħor. Hija tipparteċipa b'mod attiv f'affarijiet li jgħinu biex tiġi influwenzata t-triq li jaqdbu l-pajjiżi msieħba magħha, b'mod speċifiku l-pajjiżi kandidati li huma mistiedna biex jibdeu jallinjaw il-politiki tagħhom.

Bħala bażi għal iktar diskussjonijiet waqt il-Konferenza msejħa "Rio+20" li se ssir f'Ġunju 2012, il-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar ipproponiet għadd wiesa' ta' azzjonijiet possibbli, fosthom inizjattivi internazzjonali ġodda dwar ir-riżorsi tal-ilma, l-enerġija, l-agrikultura, l-użu tal-artijiet, il-foresti, is-sustanzi kimiċi u r-riżorsi tal-baħar, dwar programm għat-taħriġ dwar is-snaġġa, dwar il-mobilizzazzjoni tal-finanzi u tal-investment min-naħa tas-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll inizjattivi biex nimxu lejn sistema ta' governanza globali u multilaterali li tkun iktar effettiva²⁷.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, l-użu effiċjenti tar-riżorsi se jkun għan komuni maqsum mal-komunità internazzjonali kollha u se jkun sar progress biex dan l-għan jintlaħaq abbażi tal-approċċi maqbulin fil-konferenza li se ssir f'Rio.

Il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri, (fuq bażi kontinwa):

- se jippromwovu riżultat tajjeb tas-samit "Rio+20" li se jsir fl-2012 u se jikkonċentraw fuq progress reali lejn ekonomija ekoloġika u lejn użu iktar effiċjenti tar-riżorsi naturali;
- se jtejbu d-djalogu mal-pajjiżi msieħba strateġiċi sabiex ikun hemm l-iskambju tal-esperjenzi u tal-aħjar prattiki dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi;
- se jwettqu inizjattivi konġunti mal-pajjiżi kandidati, mal-pajjiżi li huma kandidati potenzjali u ma' pajjiżi oħrajn li huma ġirien, li jaqsmu magħna ħafna riżorsi ambjentali;

²⁷

COM(2011) 363.

- se jappoġġaw il-konklużjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet internazzjonali biex il-konsum globali u x-xejriet ta' produzzjoni jsiru aktar sostenibbli;
- se jużaw l-ġhajjnuna għall-iżvilupp sabiex tappoġġa l-isforzi tal-pajjiżi li huma inqas żviluppati biex itejbu l-effiċjenza tagħhom fl-użu tar-riżorsi fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u tal-qerda tal-faqar;
- se jikkooperaw mal-imsieħba internazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mar-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi;
- se jaħdmu favur mekkaniżmi multilaterali iktar b'saħħithom għall-governanza globali tal-oġġetti pubbliċi.

6.3. Intejbu l-benefiċċji mill-miżuri tal-UE favur l-ambjent

Il-progress marbut mal-użu effiċjenti tar-riżorsi jiddependi fuq il-fatt li wieħed itejjeb il-mod kif jiġu amministrati r-riżorsi u l-ekosistemi naturali tagħna. Għad hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri marbutin mal-prestazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni tal-miżuri differenti, b'mod speċjali dawk fl-oqsma tal-ħarsien tan-natura, tal-iskart u tal-ġestjoni tal-ilma. Huwa stmat li l-ispejjeż tan-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali jammontaw għal madwar EUR 50 biljun fis-sena²⁸.

Il-pass ewlieni: Sal-2020, se jkunu nġataw il-benefiċċji kollha tal-leġiżlazzjoni tal-UE favur l-ambjent.

Il-Kummissjoni:

- se tipproponi miżuri sabiex ittejjeb l-għarfien, tqajjem kuxjenza u timmobilizza aħjar lill-parteċipanti ewlenin sabiex jitjieb l-għoti tal-miżuri ambjentali fl-UE kollha.

L-Istati Membri għandhom:

- jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-prestazzjoni tagħhom b'rabta mal-għoti tal-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

7. KONKLUŻJONI

Ix-xejriet ta' qabel tat-tkabbir wasslu għal iktar prosperità, iżda għamlu dan permezz ta' użu intensiv u, ħafna drabi, b'mod mhux effiċjenti, tar-riżorsi. Ir-rwol tal-bijodiversità, l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom huma fil-biċċa l-kbira sottovalutati, il-kosti ħafna drabi ma jirriflettux l-ispejjeż tal-iskart u s-swieq attwali u l-politiki pubbliċi attwali ma jistgħux jittrattaw bis-sħiħ id-domandi li jikkompetu ma' xulxin għar-riżorsi strateġiċi bħall-minerali, l-art, l-ilma u l-bijomassa. Dan jitlob għal tweġiba koerenti u integrata, mifruxa fuq għadd wiesa' ta' politiki, sabiex jiġu ttrattati l-limiti tar-riżorsi li mistennija jkun hemm u sabiex tiġi sostnuta l-prosperità tagħna fit-tul.

Dan il-pjan direzzjonali mhuwiex it-tweġiba aħħarija għall-isfidi kollha. Huwa l-ewwel pass biex infasslu qafas ta' azzjoni koerenti mifrux fuq diversi oqsma u setturi tal-politika. L-għan tiegħu hu li jipprovdri prospetti stabbli biex nibdlu l-ekonomija. Il-Kummissjoni se tħejji proposti dwar il-politika u proposti leġiżlattivi sabiex timplimenta dan il-pjan direzzjonali.

²⁸ Studju tal-kumpanija COWI li se jinħareġ dalwaqt imsejjaħ "L-ispiża li wieħed ma jimplimentax l-*acquis* ambjentali".

Mhux se jirnexxilna niks bu l-għanijiet tagħna tal-użu effiċjenti tar-riżorsi jekk ma jkunx hemm impenn min-naħa ta' parteċipanti oħra mis-settur pubbliku u minn dak privat.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni japprovaw dan il-pjan direzzjonali u jikkontribwixxu sabiex jiġu żviluppati aktar l-azzjonijiet tal-UE biex naslu għal Ewropa li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti.

Anness: L-użu effiċjenti tar-riżorsi - il-konnessjonijiet reċiproki bejn is-setturi u r-riżorsi u l-inizjattivi tal-politika tal-UE

Ir-riżorsa/is-settur	Il-fjuwils fossili	Il-materjali u l-minerali	L-ilma	L-arja	L-art	Il-ħamrija	L-ekosistemi: Il-bijodiversità	Ir-riżorsi tal-baħar	L-iskart	L-inizjattivi tal-politika tal-UE
Ekonomija ċirkolari	Naqqas, uża mill-ġdid, irriċikla, ibdel, issalvagwardja, agħti valur									Reviżjoni tal-PKS (fl-2012)
L-enerġija	Tnaqqis fl-użu tal-fjuwils fossili billi: - tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija (20 % sal-2020); - l-fjuwils fossili jinbidu b'riżorsi rinnovabbli (20 % sal-2020 u 10 % fis-settur tat-trasport).	- Żgurar tas-sigurtà tal-provvista ta' materja prima kruċjali (għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għall-elettrifikazzjoni); - Tnaqqis fl-intensità tal-enerġija fl-estrazzjoni, il-produzzjoni u l-konsum tal-materjali.	- Użu b'mod effiċjenti tal-ilma bħala sors tal-enerġija rinnovabbli; - Tnaqqis tal-ħtiġijiet tat-tkessiħ tal-impjanti tal-elettriku; - Tnaqqis fl-intensità tal-enerġija fit-trattament tal-ilma; - Tnaqqis fl-użu tal-ilma sħun permezz ta' apparat aħjar u infrastruttura tal-ilma aħjar.	- Tnaqqis fit-tniġġis minn sustanzi li jagħmlu l-ħsara, b'mod partikulari billi jitnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili; - Tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2020 (30 % jekk il-kundizzjonijiet ikunu tajbin); - Tnaqqis ta' 80 sa 95 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2050.	- Tnaqqis fit-teħid tal-art għall-bijofjuwils; - Titijb kemm jista' jkun fl-infrastruttura tal-enerġija.	- Prevenzjoni tal-ħsara lill-ħamrija mill-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit SO ₂ u tal-ossidi tan-nitroġenu; - Evitar tal-ħsara lill-ekosistemi mill-estrazzjoni jew mill-isfruttament tas-sorsi tal-enerġija. - Mriigazzjoni tal-impatti ta' soluzzjonijiet ġodda tal-infrastruttura jew tal-enerġija fuq il-ħamrija; - Ħarsien tal-ħamrija li fiha l-pit.	- Tnaqqis tal-aċidifikazzjoni billi jitnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili; - Evitar tal-ħsara lill-ekosistemi mill-estrazzjoni jew mill-isfruttament tas-sorsi tal-enerġija.	- Użu tar-riżorsi tal-baħar bħala sors tal-enerġija rinnovabbli; - Żgurar tal-użu sostenibbli tal-alka għall-bijofjuwils; - Prevenzjoni tar-riskji li jixxerred iż-żejt u li jkun hemm diżastri marbutin mal-industrija taż-żejt. - Tnaqqis tal-aċidifikazzjoni kkawżata mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.	- Żgurar tal-irkupru tal-enerġija mill-iskart li ma jistax jiġi rriċiklat; - Tnaqqis fl-intensità tal-enerġija fit-trattament tal-iskart; - Tnaqqis tal-iskart bijodegradabbli għall-bijoenġerġija u għall-bijoprodotti.	-Enerġija 2020 - Strateġija għal enerġija kompetittiva, sostenibbli u sikura (fl-2011); - Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija għall-Ewropa; - Prioritajiet tal-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u wara - Pjan dettaljat għal network tal-enerġija Ewropew integrat (fl-2011); - Pjan Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika għall-2020 (fl-2011); - Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-tassazzjoni tal-enerġija (fl-2011); - Il-pakkett dwar l-infrastruttura tal-enerġija (fl-2011); - Il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija għall-2050 (fl-2011); - Il-grilji intelliġenti (fl-2011); - Is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kooperazzjoni internazzjonali (fl-2011).
L-ikel	- Tnaqqis fl-użu tal-fjuwils fossili billi tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-produzzjoni tal-ikel; - Evitar tal-impatti negattivi li jista' jkun hemm meta l-fjuwils fossili jinbidu bil-bijofjuwils.	- Titijb kemm jista' jkun fl-użu tal-materjali u tal-minerali (pereżempju tal-fofju); - Titijb fil-pakketti sabiex l-ikel ikun prservat aħjar u sabiex il-pakketti jkunu jistgħu jiġu rriċiklati iktar.	- Titijb kemm jista' jkun fl-użu tal-ilma fl-agrikultura; - Prevenzjoni tal-għargħar u tan-nixxiet, jiġifieri billi jiġi miġġieled il-tibdil fil-klima; - Żgurar tad-disponibbiltà tal-ilma nadif biex ikun hemm prodotti ta' kwalità tajba; - Evitar tat-tniġġis mill-fertilizzanti u mill-pestiċidi.	- Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra; - Tnaqqis fl-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit SO ₂ u tal-ossidi tan-nitroġenu NOx.	- Titijb kemm jista' jkun fl-użu tal-art sabiex ikun hemm rikoniċljazzjoni ma' użijiet oħrajn; - Użu ta' art għammieła meħuda għall-agrikultura; - Tnaqqis fit-teħid tal-art (pereżempju billi nieħdu, b'mod ottimu, il-proteini mill-annimali).	- Treggħigħ lura tat-telf tal-ħamrija; - Restawr tal-kontenut tal-materja organika fil-ħamrija; - Prevenzjoni tal-ħsara lill-ħamrija mill-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit SO ₂ u tal-ossidi tan-nitroġenu NOx; - Evitar tat-tniġġis mill-fertilizzanti u mill-pestiċidi.	- Restawr u ħarsien tal-ekosistemi sabiex ikunu żgurati d-dakkir, iż-żamma tal-ilma, eċċ.; - Evitar tal-ewrtrofikazzjoni minħabba l-fertilizzanti u tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi; - Tkabbir tal-bijodiversità permezz ta' prattiki tajbin tal-agrikultura.	- Treggħigħ lura tal-livelli tal-istokkijiet tal-ħut u eliminazzjoni tal-qabdiet inċidentali u l-iskartar tal-ħut; - Eliminazzjoni tat-tekniki tas-sajd li jagħmlu l-ħsara; - L-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli; - Tnaqqis tat-tniġġis taż-żoni ta' mal-kosta mill-fertilizzanti - Evitar tal-ħmieġ tal-baħar.	- Inqas ħela ta' ikel; - L-użu ta' pakketti li jistgħu jiġu rriċiklati jew ta' pakketti li huma bijodegradabbli; - L-iżvilupp tal-kompostjar tal-bjoskart.	- Ir-riforma tal-PAK (fl-2011); - Proposta għal Sħubija għall-innovazzjoni dwar il-produttività u s-sostenibbiltà fl-agrikultura (fl-2011); - "Green Paper" dwar il-fofju (fl-2012); - Kommunikazzjoni dwar l-ikel sostenibbli (fl-2013).
Il-bini	- Tnaqqis fl-użu tal-fjuwils fossili billi tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-bini u billi tintuża l-enerġija minn sorsi rinnovabbli fihom; - Il-bini ta' bini li ma juża l-ebda enerġija u żieda fir-rata ta' restawr tal-bini eżistenti.	- Titijb kemm jista' jkun fl-użu tal-materjali; - L-użu ta' materjali sostenibbli.	- Użu iktar effiċjenti tal-ilma fil-bini u fl-apparat.	- Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-bini; - Titijb fil-kwalità tal-arja ta' ġewwa.	- L-evitar ta' iktar teħid tal-art (pereżempju għat-tixrid urban); - Trngar tas-siti mniġġsin.	- L-evitar tal-tixrid urban fuq art għammieła; - Tnaqqis kemm jista' jkun tas-siġillar tal-ħamrija.	- Żgurar ta' spazji suffiċjenti u ekoloġiċi konnessi bħala parti minn infrastrutturi ekoloġiċi.	- Tnaqqis tal-aċidifikazzjoni kkawżata mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.	- Ir-riċiklaġġ tal-iskart mill-konstruzzjoni u mit-twaqqugħ tal-bini (70 % sal-2020).	- Strateġija għall-kompetittività sostenibbli tas-settur tal-bini tal-UE (fl-2011); - Kommunikazzjoni dwar il-bini sostenibbli (fl-2013); - Inizjattiva dwar l-użu effiċjenti tal-ilma fil-bini (fl-2012).
Il-mobbiltà	- Tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili billi: tittejjeb l-effiċjenza tal-fjuwils, billi tintuża enerġija minn sorsi rinnovabbli, billi, sal-2050, jitneħħew bil-mod il-mod mill-iblet il-karozzi li jużaw il-fjuwils konvenzjonali u billi jkun hemm loġistika multimodali mtejba, networks aħjar tat-trasport u vetturi iktar effiċjenti.	- Żieda fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi fl-infrastruttura; - Titijb kemm jista' jkun fit-trasport tal-materjali; - Żgurar tas-sigurtà tal-provvista ta' materjali kruċjali (meħtieġa għall-batteriji).	- L-użu tal-potenzjal tat-trasport bil-baħar sabiex jitnaqqas l-emissjonijiet; - Tnaqqis tat-tniġġis mit-trasport bil-baħar.	- Tnaqqis tat-tniġġis mit-trasport bil-baħar: 60 % inqas emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2050; inqas ożonu fil-livell tal-art, inqas materja tal-partikoli u inqas dijossidu tan-nitroġenu NO ₂ ; inqas kontenut tal-kubrit fil-fjuwils marittimi.	- Tnaqqis kemm jista' jkun tal-impatti tal-infrastruttura tat-trasport fuq il-frammentazzjoni tal-art.	- Tnaqqis kemm jista' jkun tal-impatti tal-infrastruttura tat-trasport fuq is-siġillar tal-art.	- Tnaqqis kemm jista' jkun tal-impatti tas-siġillar tal-art, tal-frammentazzjoni tal-art u tat-tniġġis tal-art; - L-evitar tal-firxa ta' speċi aljeni invażivi.	- L-użu tal-potenzjal tat-trasport marittimu sabiex jitnaqqas l-emissjonijiet; - Evitar tal-iskart tal-baħar, inklud dak mill-vapuri.	- L-iżgurar ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ effiċjenti tal-vetturi li jkunu waslu biex ma jibqgħux jintużaw (85 sa 95 % sal-2015) u tal-vapuri.	- White Paper dwar il-ġejjieni tat-trasport (fl-2011); - Reviżjoni tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (fl-2011); - Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tat-Trasport.
L-inizjattivi tal-politika tal-UE	Qafas għall-għajuna mill-Istat (fl-2013); Direttiva dwar il-kwalità tal-fjuwil; eċċ..	-Indirizzar tal-isfidi fis-swieq tal-prodotti bażiċi u dawk marbutin mal-materja prima (fl-2011); - Proposta għal Sħubija għall-innovazzjoni dwar il-materja prima.	- Pjan iddettaljat għall-ilma (fl-2012); - Sħubija għall-innovazzjoni dwar l-użu effiċjenti tal-ilma; - Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-istandards tal-kwalità ambjentali (għas-sustanzi ta' prijorità) (fl-2011); - Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-ilma ta' taħt l-art (fl-2012).	-Pjan direzzjonali għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050 (fl-2011); - Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u r-rappurtar dwarhom; - Reviżjoni tal-politika tal-UE dwar il-kwalità tal-arja (fl-2013).	- Kommunikazzjoni dwar l-użu tal-art (fl-2014). - Kommunikazzjoni dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (l-LULUCF) fl-impjenji tal-UE marbutin mat-tibdil fil-klima (fl-2011).	- Linji gwida dwar l-aħjar prattiki biex jiġi limitat is-siġillar tal-ħamrija, biex dan jittaffa jew biex ikun hemm kumpens għalih b'xi mod.	-Strateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2020 (fl-2011); - Kommunikazzjoni dwar l-infrastruttura ekoloġika u r-restawr (fl-2012); - Inizjattiva biex ma jkun hemm l-ebda telf nett (fl-2015).	- Riforma tal-politika komuni tas-sajd u tal-politika marittima komuni (fl-2011) [AGRI]; - L-adattament mal-kosta u fil-baħar għat-tibdil fil-klima (fl-2012); - It-Tkabbir marittimu (fl-2013); - Ġestjoni integrata taż-żoni ta' mal-kosta (fl-2012); - Ippjanar tal-ispażju marittimu (fl-2012).	- Reviżjoni tal-miri għall-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart u għar-rimi tiegħu fil-mizbilet (fl-2014).	- Pjan direzzjonali għal Ewropa li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti (fl-2011); - Qafas finanzjarju multiannwali għall-2014 sal-2020; - Il-politika ta' koeżjoni wara l-2013 (fl-2011) [REGIO]; - Pjan ta' Azzjoni għal bijoekonomija sostenibbli sal-2020 (fl-2011); - Pjan ta' Azzjoni għall-innovazzjoni ekoloġika (fl-2011); - L-Orizzont tal-UE għall-2020 (fl-2011); - Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

